**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 1255/2012*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**-vs-**

**Antoine Attard, u detentur tal-karta tal-identita` numru 253471M;**

**Marlene Attard, detentriċi tal-karta tal-identita` numru 357872M;**

**James Mifsud, detentur tal-karta tal-identita` numru 277377M, f'ismu propju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Buz-Dov Developments Ltd. (C-25647);**

**Gordon Farrugia, detentur tal-karta tal-identita` numru 511877M, f'ismu propju kif ukoll għan-nom u u in rappreżentanza tas-soċjeta' Buz-Dov Developments Ltd. (C-25647).**

**Illum:** 27 ta' Mejju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati **Antoine Attard, Marlene Attard, James Mifsud** u **Gordon Farrugia** u cioe` talli:

Fil-01 ta' Awwissu, 2011, u fix-xhur/snin ta' qabel din id-data, ġewwa Coral Gables B, Triq Josef Kalleya, Swieqi:

B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw il-mewt ta' Quentin Antoine Marie Michel.

Lil **Antoine Attard** u lil **Marlene Attard** weħidhom talli:

Fil-01 ta' Awwissu, 2011, bi ksur tal-Artikoli 43(1)(a) u 18(1), 18(2) u 18(3) tal-Att ta' 1999 dwar servizzi tal-Ivjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, Kapitlu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, u bi ksur tal-Artikoli 3 u 9 tal-avviż legali 131 ta' l-2002, operaw jew ippermetew li tiġi operata operazzjoni turistika minn Coral Gables, Triq Josef Kalleya, Swieqi, mingħajr ma kellhom liċenzja mill-Awtorita' biex jagħmlu dan.

Lil **James Mifsud** waħdu talli:-

Irrenda ruħu reċidiv skont Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

---

[1] Fol. 360-361

**1. Fil-konfront ta' James Mifsud waħdu:**

Fl-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2. Fil-konfront ta' Antoine Attard u Marlene Attard:**

Fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-Artikoli 18(1), 18(2), 18(3), 43(1)(a), 43(2), 43(3), 43(4), 43(5), 43(6) tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fl-Artikoli 3, 9 tal-Avviż Legali 131 tal-2002.

**3. Fil-konfront ta' Antoine Attard, Marlene Attard, James Mifsud u Gordon Farrugia:**

Fl-Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fl-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

**Punti Preliminari**

Illi fl-ewwel lok irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2011, l-istess kawza nbdiet f'Gunju, 2013, u giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta. L-ewwel udjenza quddiem din il Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fil-21 ta' Novembru, 2017,

wara assenjazzjoni maghmula ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili moqri flimkien mal-Artikolu 520 tal-Kodici Kriminali.

Illi fit-tieni lok, fuq skorta tad-decizjonijiet *inter alia* moghtiha mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[2] u **Brian Vella vs l-Avukat Generali**[3] kif ukoll dawk tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et**[4] u **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**,[5] kwalunkwe dikjarazzjoni li saret mill-imputati, galadarba nghatat minghajr id-dritt li jkunu assistiti mill-legali tal-ghazla taghhom, ma ghandhiex aktar valur probatorju. Dan japplika senjatament ghax-xhieda li nghatat mill-imputati quddiem il-Perit Tekniku Vincent Ciliberti fil-kors tal-inkjesta magisterjali.

Illi qed jigi sottolinejat li in linea mar-regola desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, liema regola giet konstantement applikata mill-qrati taghna, ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz.[6] Ghalhekk dak li imputat/a

---

[2] Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Noel Cuschieri u Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo; Rikors numru: 104/2016/1 JZM; Deciza 14.12.2018

[3] 14.12.2018; Appell Kostituzzjonali Numru 90/2016/1 MCH

[4] (Sede Superjuri) Per Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon, Agent President, Onor. Imhallef Abigail Lofaro u Onor. Imhallef Giovanni M Grixti; Appeal Nr: 14/2013/1, Deciza 3 t'April, 2019

[5] (Sede Inferjuri) Per Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, Deciza 20.11.2018; Appell Nru: 259/2018

[6] Vide ***Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri***, Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; ***Il-Pulizija v. Toni Pisani***, Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944; ***Il-Maesta` Tieghu r-Rev. Karmenu Vella***, Qorti Kriminali, 3 ta' Dicembru, 1947; ***The Police v. Alfred W. Luck et***, Appell Kriminali, 25 ta' April, 1949; ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara***, Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996; ***Il-Pulizija v. Naser Eshtewi***

xehed/xehdet fl-ambitu ta' dawn il-proceduri ma jiswiex bhala prova favur jew kontra l-ko-akkuzat/a l-iehor/l-ohra.

Illi qed jigi sottolinejat li kopji tal-istess pjanti jinsabu esebiti diversi drabi fil-process; fejn hu l-kaz saret riferenza ghad-diversi *folios* relattivi ghalkemm galadarba il-pjanti rilevanti (rigward il-*PA Permit* jew *Minor Amendments Approval* skond il-kaz) huma kopji tal-istess, ma jaghmilx differenza minn liema *set* ta' pjanti qed jigi citat il-*folio* (salv li qed ikun hemm riferenza ghall-istess livell tal-binja ez. *ground floor, basement, semi-basement* etc.).[7]

Illi finalment jirrizulta wkoll li hemm zewg kopji tax-xhieda li Nicolas Drizard taha fi proceduri civili.[8]

Ikkunsidrat,

**Il-Provi**

Illi l-**Ispettur Trevor Micallef** xehed kif wara rapport li dahhal l-Ghassa ta' San Giljan kien mar fuq il-post tas-sinistru fejn kien hemm ukoll Marlene Attard.[9] Il-fliexken tax-xorb li kien hemm fuq mejda ma kienux miftuhin jew kien hemm ftit li xejn nieqes minnhom; hbieb il-vittma kienu *"imwerwrin u*

---

***Be Hag et***, Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996; ***Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri v. Theresa Agius***, Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u *passim* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et***, Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998

7 Il-Perit Mintoff eseixxa kopja tal-pjanti originali (minghajr Minor Amendments) fl-inkjesta a fol.256 et seq. Pjanti esebiti minn Dr.Joe. Giglio *'animo ritirandi'* (fol.363) , Dok. A, a fol.383 et seq (dawk relatati mal-PA permit) u dawk li fuqhom hareg il-permess fuq Minor Amendments, Dok.B, a fol.389 et seq. Kopja ohra tal-istess dokumenti esebiti minn Dr. Giglio gew esebiti minn Dr. Joe Ellis **Dok.JE** a fol.615 et seq (re PA permit) u **Dok.JE1** a fol.629 et seq (re Minor Amendments permit).

8 Fol.588-593 u 681-692

9 Fol.289

*ecitati u mbezzghin minhabba t-telfa tal-habib taghhom".*[10] In kontro-ezami jghid li mir-ritratti li ttiehdu tal-vittma u senjatament dak mmarkat fl-inkjesta bhala **Dok-VEC-2**,[11] fil-hin li l-vittma kien vicin il-hajt *"jidher qed izomm mal-hajt dak il-hin pero ma jidhirx li qed jaghmel xi sahha tremenda mieghu".*[12] Mill-**Current Incident Report** jirrizulta li meta l-pulizija marret fuq il-post tas-sinistru minuti wara li giet msejjha, sabet lill-vittma *"lying on the ground unconscious and some of his friends removing bricks which were on top of him….".*[13] Ir-rapport gie kkonfermat minn **PS1187 Omar Zammit**.[14]

Illi **Paul Camilleri** in rapprezentanza tal-MEPA spjega kif il-*compliance certificate* fuq il-*ground floor maisonette* inhareg fil-15 t'April, 2008,[15] b'dak finali fuq il-blokka intjera jinhareg fl-1 ta' Gunju, 2010.[16] Jispjega li dan jinhareg wara li *enforcement officer* tal-MEPA imur *on site* u jiccertifika li l-bini hu mibni skond il-pjanti sottomessi u l-permess relattiv: *"Lanqas kien hemm bzonn il-konferma pero` ahna bhala prassi hafna drabi konna mmorru niccekjaw ukoll imma stajna qaghdna fuq tal-Perit biss kieku rridu ahna."*.[17]

Illi **Quentin Tanti** in rapprezentanza tal Malta Tourism Authority, xehed li f'Settembru, 2012, saret applikazzjoni sabiex il-fond fejn sehh is-sinistru jigi licenzjat fis-settur tal-*holiday premises Malta*.[18]Dik l-applikazzjoni mahruga fuq Antoine Attard giet validata mis-26 t'Ottubru, 2012, u baqghet valida.[19]

---

[10] Fol.290
[11] Fol.102
[12] Fol.291
[13] Fol.21-22-
[14] Fol.283-285
[15] Fol.708
[16] Fol.710-711
[17] Fol.707
[18] Fol.327; Vide **Dok.QT3** a fol.333-340
[19] Fol.328

Ghalhekk jirrizulta li **fid-data tas-sinistru il-fond ma kien igawdi mill-ebda licenzja sabiex jinkera ghall-skopijiet turistici**.

Illi l-istess xhud, **Quentin Tanti** in rapprezentanza tal-Malta Financial Services Authority, xehed li miz-zmien meta il-kumpanija Buz-Dov Developments Ltd. giet registrata fl-1999 saz-zmien tas-sinistru, u cioe` f'Awissu 2011, id-Diretturi taghha kienu **James Mifsud**, detentur tal-karta tal-identita` 277377M, u **Gordon Farrugia,** detentur tal-karta tal-identita` numru 511877M. Qabel is-6 ta' Mejju, 2010, Gordon Farrugia kien segretarju u lahaq direttur fil-21 ta' Mejju, 2010.[20]

Illi gie esebit il-**Proces Verbal No.223/12** tal-inkjesta Magisterjali li saret mill-Onor. Magistrat Giovanni Grixti.[21] Il-konstatazzjonijiet maghmulha mill-Perit Arkitett Richard Aquilina u mill-Perit Tekniku Vincent Ciliberti, flimkien mal-konkluzzjonijiet milhuqa mit-tobba forensici, jaghtu stampa cjara ta' dak li wassal sabiex lejla sajfija tinbiddel fi tragedja ghall-zghazugh, Quentin Michel, li kien ghadu kif wasal ghall-btala fi xtutna.

### A. Kawza tal-Mewt

Illi mill-awtopsja gie konkluz li l-vittma miet kawza ta "*chest trauma, namely, rib fractures and right lung hilar laceration, including laceration of the right main bronchus, sustained at compression of the chest.*".[22] Ezamijiet tossikologici wrew li l-vittma ma kienx taht effetti ta' alcohol.[23]

---

[20] Fo.716 et seq.
[21] Vol.II a fol. 34 et seq.
[22] Fol.154
[23] Fol.232

Illi fir-rapport minn tieghu l-espert mediku forensiku jghid *"Illi l-lezjonijiet ta' natura gravi subiti minn Quentin kienu lezjonijiet rizultanti minn dan l-incident trawmatiku imsemmi."*.[24]

## B. Ix-Xhieda Okulari

Illi dawk li kienu flimkien ma Quentin Michel u raw is-sinistru jsehh quddiem ghajnejhom, spjegaw quddiem il-Perit Tekniku Vincent Ciliberti li huma wasslu fil-fond li kienu krew ghall-btala taghhom wara nofsinhar, filwaqt li Quentin wasal Malta xi 8.30pm u kienu xi 9.30pm meta dahal fir-residenza. Mal-wasla tieghu gie muri kamartu, mar jiekol ma shabu u wara mar ibiddel biex jilbes il-malja tal-ghawm. Minn dak li kkonfermaw bil-gurament shabu, rrizulta li meta wasal hdejn l-*swimming pool* u kien bil-wieqfa fit-tarag li hemm vicin tal-pool, gholla jdejh it-tnejn fuq il-hajt li kien hemm fil-genb tat-tarag. Dan ghamlu billi pogga il-pali t' idejh fuq il-wicc tal-ghola livell tal-hajt. Dak il-hin il-hajt deher jitbewwaq u ghalkemm Quentin ipprova jistabilizza l-hajt, dan ceda ghall-fuqu. Dan kollu sehh hekk kif shabu kienu qed jiffotografawh. Ritratt ferm illustrattiv juri il-hajt qed jitbewwaq il-barra hekk kif il-guvnott, ta' statura pjuttost irqieqa, ghandu **jdejh impoggiha fuq il-parti l-aktar gholja tal-hajt, b'saqajh fuq it-tarag biswit il-hajt.**[25]

Illi bi qbil bejn il-partijiet giet inserita kopja awtentkata ta' xhieda moghtija fi proceduri civili fl-ismijiet ***Avukat Michael Zammit Maempel noe vs Antoine Attard et***.[26]

---

[24] Fol.217
[25] **Dok- VEC-2** a fol. 102
[26] Rikors Nru. 671/2015. Dik ta' Drizard tinsab annessa darbtejn, fol. 588-593; 681-692

Illi **Alexandre Chaboureau** xehed *"I remember Quentin putting his arms up putting them on the wall…He was just hanging on the wall…in the middle [of the stairs] … He was on the stairs. Nicola told him hold the top of the wall I'm going to take a photo,* ***in five seconds the wall started to move, it crushed on that****….when you see a wall that size that starts to move….I remembered something which was moving…**the top part of the wall fell….maybe twenty stones**".*[27] Bi *stones* qed jirreferi ghal *bricks.* In kontro-ezami jghid meta xehed quddiem il-Prim Awla qal li Quentin kien f'nofs it-tarag u Nicola ried jiehdu xi ritratti *"trying to climb*[28]*….. [mir-ritratt jidher] …he actually was hanging on the wall pulling himself above the wall"*[29] u ma jeskludix li ntuzat forza mill-vittma.

Illi **Marin de Couedic** xehed kif hu kien kugin tal-vittma u kellhom pjanat li filghaxija wara l-ikel imorru jghumu fil-pool.[30] Xhin wasal Quentin kienu migburin mal-mejda u bdew jiehdu *"Just funny photos and souveniers".* Quentin li kien fin-nofs tat-tarag *"wanted to do something different not just sit down…..He went to the wall, jumped up to get hold of the top of the wall".*[31] Ghall-ritratt minnhom Quentin deher bhal li kieku kien *"hanging on the wall….**No force at all.*** *His arms were stretched…we saw* ***the wall that was actually like bending*** *and we shouted careful, look out but everything happened so quickly….We saw the* ***wall bending till it crushed down****".*[32] In kontro-ezami jikkonferma *"Quentin was on the stairs and he was trying to get hold of the wall. There was no time as far as I'm concerned in which Quentin was trying to scale the wall….his foot on the stairs".* Jichad li Quentin ipprova jitla' mal-hajt. Jikkonferma li jidher ritratt fejn

---

[27] Fol.579-581
[28] Fol.584
[29] Fol.586
[30] Fol.519
[31] Fol.520
[32] Fol.523

minkbejn Quentin jidru qed isserhu mal-hajt b'siequ x-xellugija merfugha minn mal-art.[33] Jghid *"He just wanted to hang on the wall to take a photo"*.[34]

Illi **Louis Marie Vallette Viallard** xehed quddiem il-Perit Tekniku Ciliberti kif Quentin wasal id-dar ghall-habta tad-9:30pm, wara li kiel *"Quentin returned to the house to change his clothes and returned with his swimming trunks. On reaching the end of the stairs, Quentin tried to sort of climb the wall. He did not manage and tried again. I am sure that on the second attempt Quentin had the right foot resting on the steps, while the left foot was raised against the wall, with his hands at the top of the brick wall"* Mistoqsi jekk il-vittma kienx qed jipprova jiskala mal-hajt jiccara *"I do not think so, and we all thought it was just a simulation for us to take some photographs. It was on the second attempt that the brick wall gave way, and for the most part fell on Quentin, while Quentin fell back hitting the rear of his head, against the pump room structure by the stairs"*.[35]

Illi **Valentin Raphael Pons** jghid li wara li Quentin mar jilbes il-malja tal-ghawm *"On descending the stairs, he tried a simulation of scaling the wall, while we took some photographs which turned out blurred, so he tried another simulation, and it was at this moment that the wall gave way with bricks falling on Quentin."*[36] Fil-kors tax-xhieda tieghu fil-proceduri civili Pons isemmi kif Quentin kien qed jippoza ghar-ritratt li kien qed jittiehed minn Nicola *"put his hands on the wall…**I saw the wall moving** and crushing onto Quentin"*. Jeskludi li kien qed juza xi forza u jghid li saru zewg tentattivi biex jittiehed ir-ritratt. Saqajh kienu fuq it-tarag.[37] Jerga' jsostni li dak li kien qed jaghmel Quentin kienet simulazzjoni biex jittiehed ritratt jew ahjar **"***pretending***…** *He was just putting his*

---

[33] Fol.528
[34] Fol.533
[35] Fol.81-82
[36] Fol.85
[37] Fol.553

*hands on the wall"*, b'minkbejh jistriehu mal-hajt kif jidher a fol.540.[38] Kien ghamel it-tieni tentattiv minhabba li l-camera ma kienitx wahda digitali u ma kienux certi kif gie r-ritratt u hadu iehor *"I cannot say whether Nicola actually mentioned blurred but he actually said I moved we have to take the photo again*[39]*……I agree that his hands are on the wall and his elbow against the wall…his feet on the stairs*... *He didn't actually climb the wall…I saw Quentin putting his hands on the wall and the wall crushing down…He put his hands on the wall and then the wall crushed because it wasn't strong..."*[40]. Ix-xhud hu definittiv fil-verzjoni tieghu ghaliex ghalkemm l-abbli difensuri bid-domandi taghhom baqghu jimplikaw li l-vittma kien qed jipprova jiskala l-hajt jghid *"No and once again Quentin didn't try to climb the wall…..The wall was taller but since he was standing on the stairs, he was with his hands up, he was taller than the wall…he was high enough to just be able to put his hand up on the wall without jumping or anything".*[41] Lejn tmiem ix-xhieda tieghu jerga' jkun kategoriku u filwaqt li jaghmel riferenza ghar-ritratt[42] - fejn kopja bil-kulur tieghu jinsab esebit fl-inkjesta bhala **Dok-VEC-2**[43] -*"he was just in the position he is in the photo and you can see that the foot is not on the wall….All I remember is seeing Quentin in this position and then the wall fell….Quentin had his hands on the wall and* ***was at a low point*** *to try to climb or pull himself up or whatever".*[44]

Illi **Vincent Victor Guezenc** jixhed li *"On descending the stairs, Quentin faced a wall alongside the stairs, raising his hands on top of the wall. He did it a second time, with his right foot on the stairs and his left foot attempting to reach the edge of the pump room. At that point in time, the* ***wall was swinging****, with Quentin trying*

[38] Fol.554-555
[39] Fol.562
[40] Fol.556-558
[41] Fol.560-561
[42] Fol.540
[43] Fol.102
[44] Fol.563

*hard to stabilize the wall, but all of a sudden the wall gave way with bricks falling on Quentin."*[45] Fi proceduri civili, imsemmija aktar il-fuq, jghid *"Quentin was trying to hang on the wall, touching the wall."*[46] Fiz-zewg okkazzjonijiet Quentin irnexxielu jpoggi idejh fuq il-parti ta' fuq tal-hajt.[47]Jghid kif siehbu Nicola qallu *"get hold of the wall…to climb the wall".*

Illi **Nicholas Stephane Jean Drizard**, li jissemma fil-kors ta' xhieda ohra bhala Nicola, hu xhud determinanti li permezz tieghu jkompli jintefa' dawl dwar il-hsieb wara l-azzjoni tal-vittma galadarba kien qed jitkellmu bejniethom fil-hin tas-sinistru u kienu ftehmu kif kellu jittiehed ir-ritratt mill-istess Nicholas: *"While descending the stairs, Quentin tried simulating, as if he was about to scale the wall, while I was attempting to take some photos. Quentin tried another time, with his right foot resting on the stairs, and his left foot raised slightly above the stairs against the wall. At that point I could see that* ***the wall was swinging, and all of a sudden it gave way with a number of bricks falling on Quentin."***[48] Fil-kors tal-proceduri civili jixhed li hu kien qed jiehu ritratti u xtaq li jiehdu *"funny photo, let's try to make a funny pose for this photo….that is why he ended up like having his pose with wall ….he was standing near the wall because he was going to the swimming pool and so the pose he wanted to have was basically pretending to climb above the wall. So that's why he started* ***just like hanging on the wall with his two hands above the wall but still with one foot on the stairs. He didn't jump on the wall or anything. It was just like slowly hanging on the wall and the goal of the picture was to see him pretending he was climbing the wall…*** *from what I was seeing he was literally hanging on the wall like* ***he wasn't pulling his arms above the wall*** *because* ***he was like hanging on the wall, I mean he was pretty straight…he wasn't pushing or forcing on his arm to pull himself***

[45] Fol.89-90
[46] Fol.543
[47] Fol.548
[48] Fol.86-87

***above the wall…his position was just like hanging and resting along the wall just in time to take the picture.****"*[49] Ikompli jiddeskrivi x-xena li ra tizvolgi quddiem ghajnejh *"the incident happened right at the time I took the photo and that's why in the photo* ***the wall was bending*** *because* <u>*at the time I took the photo,…I saw it through my camera…I just saw the wall bending and then everything went super fast. It collapsed*</u>*"*. Jikkonferma ir-ritratt, kopja tieghu esebita fl-inkjesta bhala **Dok-VEC-2**,[50] ittiehed minnu. Jghid li kien waqa' it- *"top part of the wall. Like* <u>*may be half or one third of the wall*</u>*. So, on the top it just collapsed…ten …maybe like fifteen bricks. It was pretty impressive. Like there was everywhere and some of them on Quinton."*[51]

In kontro-ezami <u>jkompli jinnega li Quentin kien qed jipprova jitla mal-hajt</u> u jaghti kwadru tad-diskussjoni li zvolgiet bejniethom u li permezz taghha jsir maghruf dak li Quentin kien intenzjonat jaghmel meta mar jippoza mal-hajt: *"The discussion was just to have a photo of him* <u>*like hanging on the wall and pretending that he was about to climb the wall*</u>*…but we never said to eachother "let's have you climb the wall and then I take a picture of you climbing the wall."* <u>*The idea was to have a picture on him pretending as if he was about to climb the wall*</u>*…I think if the wall had not collapsed and then right after the picture, he would have got out of the wall and that's it. Like, that was the only photo he wanted to take and we didn't want him neither me or him wanted to climb the wall….he was hanging but* <u>*this doesn't mean that he was climbing the wall*</u>*. Like,* <u>*he wasn't making any force or pull himself above the wall*</u>***…*** *if we did [the photo] the second time it is maybe because I don't know my settings on the camera weren't correct or maybe I felt that I moved during the picture".*[52] Jikkonferma kif mill-*view finder* tal-camera <u>**ra il-hajt jitbewwaq,**</u> ***"bending"***. *"if you look at the photo, you see that* ***the wall is bent. The***

[49] Fol.589
[50] Fol.102
[51] Fol.590
[52] Fol.591 *tergo*-592

***wall is already bent**. It's not like a straight wall …**the wall is collapsing**."* Dettal important hu z-zmien li Quentin ghamel jippoza mal-hajt *"**two or three seconds** because when he was ready in his pose ….. he was only hanging only for a few seconds and it may have been two, may have been three, may have been four but no more than that because I am sure….you press the button and the photo is taken"*.[53] Bejn ritratt u iehor jeskludi li baqa' mdendel mal-hajt.[54] In ri-ezami jikkonferma x-xhieda li ta lill-perit tekniku Ciliberti.[55]

### C. Ix-Xhieda tal-Periti u l-Esperti Tal-Qorti

Illi d-dettalji li bihom ix-xhieda okulari jiddeskrivu l-moviment li ghamel il-hajt malli qabad mieghu id-*decujus*, u cjoe ` li hajt beda jitbandal *"bending"*[56] u *"swinging"*,[57] ikomplu jikkoroboraw il-konkluzzjoni tal-Perit Arkitett Aquilina meta jikkonkludi li *"il-hajt tal-bricks li kien inqaleb ma kellu l-ebda nkullmar jew xi rabta tal-konkos mal-blat ta' wara."*[58]

Illi anke l-espert tekniku Ciliberti jiddikjara *"Illi **Dok-VEC-2,**[59] **jindika minghajr ebda dubbju l-veracita` tax-xhieda moghtija mill-istudenti,** fis-sens illi fil-hin tal-incident, is-sur Quentin Michel kien bil-wieqfa fit-tarag b'wiccu lejn il-hajt, **bil-pali t'idejh imqabbda mal-wicc ta l-ahhar filata tal-bricks, bil-hajt qieghed jitbewwaq,** kif jidher cjar mir-ritratt"*.[60] Tali konkluzzjoni hi identika ma dik milhuqa minn din il-Qorti.

---

[53] Fol.592 *tergo*
[54] Fol.593
[55] Fol. 593 *tergo* re xhieda a fol. 86-87
[56] Fol.523 u 592
[57] Fol.87 u 90
[58] Fol.141
[59] Fol.102
[60] Fol.72

Illi C**iliberti** jiddeskrivi l-lok tas-sinistru u cioe` *"fil-livell tal-gnien u tas-swimming pool hemm tmien targiet – alzaturi - b'hajt fit-tul tat-tmien targiet li jwasslu ghal livell ta' fejn kienu qed jieklu l-istudenti"*.[61] Il-pjanta esebita **DOK-VEC-1**[62]turi li l-hajt li ggarraf kien mibni b' ***"7"hollow concrete blocks".***[63] Il-hajt jidher jifred it-turgien minn mal-*'rock face'* li kien warajh. L-iskizz esebit fir-relazzjoni tal-Perit Aquilina ukoll jindika il-hajt li kien mal-medda tat-tarag: *'2' :**"Medda ta' 1.78m fejn deher li kien hemm rivestiment tal-bricks**"*.[64]

Hekk kif ir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni tal-espert Ciliberti u dawk mehuda mis-*scene of crime officers* jikkonfermaw li **ma kien hemm assolutament l-ebda rbit bejn il-hajt u l-blat/il-hajt ta' warajh; ma kien l-ebda ingaljar ghajr ghal mal-parti t'isfel tieghu;**[65] il-Qorti ma tistax ma tinnutax wkoll in-**nuqqas ta' ammont adegwat ta' tajn tas-cement,** ***mortar,*** **intiz biex jitwahhlu bricks ma xulxin**. Kull ma jidher hu ticpisa leggera ta' *cement*. [66] L-istess ritratti juru numru ta' **konsenturi anke fil-livell l-aktar baxx tal-hajt**.[67] Dan jigi kkonfermat anke mill-Perit Aqulina meta jirrimarka dwar **in-nuqqas assolut tar-rbit mal-blat u l-hajt ta' warajh** *"Il-parti fejn kien imtella' dan il-bricks kien ta' 1.78m 9 (Cirka 5'10") u ghalhekk jidher li l-hajt tal-bricks li nqaleb kien ta' circa hames filati gholi. …Minn dak li gie kkonstatat, deher li* ***l-hajt tal-bricks li kien inqaleb ma kellu l-ebda nkullmar jew xi rabta tal-konkos mal-blat ta' wara.****"*[68] F'relazzjoni addizzjonali jikkonkludi *"Illi kif jidher fir-relazzjoni tieghu, deher li* ***l-hajt tal-bricks li kien inqalleb ma kellu l-ebda***

[61] Fol.71
[62] Fol.117
[63] **Dok-VEC-1** a fol.117
[64] Fol.143
[65] Fol.106, 107, 110
[66] Fol.111, 112, 113
[67] Fol.114; 172-174
[68] Ibid.

***inkullmar jew xi rabta tal-konkos mal-blat ta wara**. Illi ghalhekk, **dak ma kellu xejn xi jzommu milli jinqaleb, kif fil-fatt gara u b'hekk jirrizulta li l-hajt ma kienx mibni skond issengha u l-arti".*[69] Ghalhekk mhux korrett id-difensur tal-imputati Mifsud u Farrugia meta fit-trattazzjoni tieghu jghid li l-Perit Aquilina naqas milli jghid kif kellu jkun mibni il-hajt sabiex jinghad li kien mibni skond is-sengha u l-arti, u cioe` "**rbit tal-konkos mal-blat ta' wara**"!

In kontro-ezami l-Perit Aquilina ikkonferma li kienu nhargu permessi tal-MEPA [70] kif ukoll kien saru *Minor Amendments* li jfisser li kien hemm devjazzjoni mill-pjanta originali u tkun trid terga' tigi *vetted* mill-MEPA.[71] Il-Perit jikkonferma wkoll li l-pool area **kellha l-permessi necessarji** biex *"Tkun maghluqa b'hajt. Kif jindikaw li kienet ser tkun imdawra b'hajt. Kif normalment issir."*.[72] Jikkonferma li fil-pjanta fejn hemm *"Proposed Side Elevation"*[73] hemm indikazzjoni ta' binja ta' hajt *"Ghal hajt il-baxx. Ehe, hemm indikazzjoni. Kemm hu gholi ma jghidx. ....U lanqas id-hxuna tieghu jew in-natura tieghu, kif kellu jinbena..... Skond dik, jidher li hemm xi hames (5) jew sitt (6) filati."*.[74]

Madanakollu minn imkien ma rrizulta li dan il-hajt kien l-istess hajt li ggarraf tant li l-pjanti tas-*semi basement* ma jindikaw l-ebda hajt hekk kif jikkonfermaw quddiem il-Qorti il-Periti Mintoff, Lewis u Farrugia. Jigi sottolinejat li jidher u ma jidhirx fil-pjanti il-hajt in kwistjoni hu fatt <u>immaterjali in kwantu ma jimpingi bl-ebda fuq kif kellu jkun strutturalment mibni dak li jidher fuq pjanta</u>!!

---

[69] Fol.288
[70] **Dok.A** a fol.383 et seq- Permess inhareg fil-11 t'Awissu 2004.
[71] Fol.375
[72] Fol.378
[73] Fol. 269 b'kopji tal-istess jinsabu a fol.628, 635 u 650
[74] Fol.376-377

Illi l-fatt wahdu li appena intmess dan il-hajt, li kien ta' 5 filati b'wiesa' ta' 1.78m, u kien hemm impatt mieghu, dan beda jitbandal *"swinging"* jew *"bending"* u spicca biex imbezzaq il-barra u ggarraf aktar minn nofsu, hu evidenza cjara li **l-hajt ma kienx mibni b'dik l-istabbilita` u mistennija.** Ciliberti jsemmi – u dan hu fatt korroborat bir-ritratti li ttiehdu[75] – li l-*bricks* ta' **7" kienu vojta "hollow"** [76] u ghalhekk nieqsa mill-istabbilita` u sahha adegwata. Anke l-fatt li - kif jirrizulta mill-evidenza migjuba[77] - li **l-hajt iggarraff fil-parti l-kbira tieghu, tkompli turi l-instabbilita` ta' dan il-hajt li ghajr ghal mal-parti tat-tarag ma kien ingaljat ma mkien izjed!** Ir-ritratti li ttiehdu mill-ufficjali tas-*scene of crime,* u senjatament dak a fol.538, **juri l-genb tieghu dilapidat,** fejn tidher biss bicca njama msammra mat-tul tal-genb tieghu.[78] **Hajt imsewwes b'konsenturi** li jibqghu nezlin it-tul kollu tieghu.[79] Dan ma kien hajt xejn izda struttura perpura nieqsa minn dik is-sahha u robustezza li hitan necessarjament jirrikjedu li jkunu muniti biha dovuta ghall-fatt li **ma kien hemm l-ebda ingaljar fil-parti 'l-fuq mit-turgien**.

Jekk in-nuqqas ta' stabbilita` kienx dovut ghal xi nuqqas t'inkullmar jew ta' konkos hu immaterjali galadarba gie stabbilit li **l-hajt definittivament ma kienx wiehed stabbli, ta' sahha u bl-irbit mehtieg.** Kien biss qoxra, rivestiment tal-blat li kien hemm warajh; hajt li mal-inqas impatt imbezzaq il-barra. Hajt li hekk kif sar l-inqas sforz mieghu beda jitbandal *"swinging"* u *"bending"* inbezzaq il-barra kif fil-fatt juri r-ritratt fatidiku li kellu jkun l-ahhar

[75] Fol.111, 112, 113, 165, 166
[76] **Dok-VEC-1** a fol.117
[77] Fol.106, 107
[78] Fol.170-171.
[79] Fol.114; 172-174

imaggini tal-vittma haj.[80] **Hajt huwa ntiz biex joffri stabbilita` u mhux biex johloq periklu gratwit.**

Illi l-**Perit Edwin Mintoff** spjega quddiem il-Perit Tekniku Ciliberti kif kien inkarigat mid-disinn arkittentoniku *"hadt hsieb il-planning side, u mhux id-disinn strutturali."*. Il-Perit Mintoff ghadda biex esebixxa wkoll pjanti approvati mill-MEPA u kopja tal-permessi tal-MEPA relattivi – *PA00837/04* (Full Development Permission/07 datat 11 t'Awissu 2004)[81] *"kif jirrizulta mid-disinn kif approvat,* ***il-hajt in kwestjoni ma kienx jifforma parti mid-disinn."***[82] Riprodott u muri il-pjanta a fol. 647 li giet sottomessa ghall-ghanijiet biex jinhareg il-*compliance certificate* - li nhareg f'Gunju, 2010[83] wara li kienu saru *Minor Amendments* approvati fl-20 ta' Marzu, 2006[84] - **jikkonferma li l-hajt li waqa' fuq il-pjanta ma jidhirx:** ***"Le, ma' jidhirx****, hawn hajt hawnhekk, pero dan il-hajt ghal liema jirreferi on site wiehed irid jara. Hawhekk* ***hawn hajt, pero' ma' jidhirx li huwa l-istess hajt. Ghax qieghed sporgut il-barra****….. Ma' jidhirx li huwa hajt strutturali. ….Ghalhekk ma' jiffijcerjax fil-compliance certificate."* [85]

Ittiehdet ix-xhieda tal-**Perit Aaron Farrugia** li wkoll semma' li l-hajt ma kienx jaf bih *"****dan il-hajt jien ma niftakrux****, u dan* ***ghaliex anke fuq il-pjanta, mal-hajt ta l-appogg m'hemm l-ebda linji li jindikaw li l-hajt kien ippjanat, u allura, l-hajt mhux kopert bil-permessi tal-MEPA****…****dan il-hajt sar b'alterazzjoni tal-pjanta, u meta jien ma kontx nattendi aktar fuq il-post.****"*[86] Il-Perit ikompli jitfa' aktar dawl dwar l-istorja wara dan il-hajt *"Nghid illi l-hajt*

---

80 Fol.102
81 Fol.256 et seq.
82 Fol.244
83 Fol.612
84 Fol.647 (kopji a fol.621 u 630 dan tal-ahhar relatat mal-*Minor Amendments* a fol. 640, mmarkat **66c**
85 Fol.672
86 Fol.253

*li waqa* ***ma kien jifforma parti*** *mill-progett tal-bini originali…**minn estenda l-hajt [tul il-medda tat-tarag], f'liema zmien, u minn ta l-istruzzjonijiet, nghid li ma nafx…**.Jiena kelli l-inkarigu tas-supervizzjoni ta' diversi siti, u kont inkun jiena li nkejjel ix-xoghlijiet biex issiru l-pagamenti. F'dan il-kaz, il-kejl, dejjem jekk sar kejl, ma sarx minni".*[87] Meta xehed quddiem il-Qorti spjega kif kien impjegat mal-Perit Mintoff u kien assista fl-ezekuzzjoni tal-progett, *"kien jghadduli d-disinni mill-ufficju tieghu u ninplementahom fuq is-sit bhala bini. Jigifieri bhala struttura u bhala pjanta tal-permessi…Normalment konna naghtu l-hadid tat-travi, tal-pilastri u tal-istruttura tal-post hux. …. Bazikament naraw illi l-progett qed jinbena skont il-pjanti tal-permessi. … x-xoghol ta' Perit hux. …Dak kien ix-xoghol li kont naghmel jiena fuq is-sit. ….Kont immur spiss, issa jiddependi fuq liema fazi tal-progett. Fil-bidu, excavation stage u l-bini ta' basements, trid tmur aktar spiss. Kemm ma' nafx nghidlek. Pero' kont immur spiss."*.[88] Fil-bidu kien immur darbtejn jew tlieta fil-gimgha izda wara anqas spiss. L-istruzzjonijiet kienu jinghataw lill-bennejja.[89] Dwar il-hajt li ggarraf jghid li **ma kienux huma li taw struzzjonijiet biex jinbena** u lanqas ma kien inkarigat jaghmel il-*compliance certificate*.[90] Dam fuq il-progett sakemm tlesta.[91] **Jikkonferma li ma jiftakarx il-hajt jinbena sakemm dam fuq il-progett.[92] Il-hajt ma kienx jidher fuq il-pjanti tal-permess originali.[93]** Meta kien izur il-progett kien jara fuq il-post lill-imputat Mifsud li kien ikun akkumpanjat fuq ix-xoghol minn haddiema tieghu *"Jiena kont naghti l-istruzzjonijiet bil-pjanti. Kont nghaddilhom il-pjanti tal-istruttura u jimxu fuqhom."*. **Dwar il-hajt ma ta l-ebda struzzjonijiet.** Fuq il-post kien ikun hemm ukoll is-sid, l-imputat Attard li kien ikun qed jara x-

---

[87] Fol.254
[88] Fol.488-489
[89] Fol.490
[90] Fol.491
[91] Fol.492
[92] Fol.493
[93] Fol.495

xoghol miexi bhal kull sid iehor; kemm is-sid kif ukoll James Mifsud kienu jcemplulu regolarment kull meta kien hemm il-htiega.[94]

Illi l-**Perit William Lewis** xehed kif kien inkarigat mill-applikazzjoni PA837/04 tal-fond in kwistjoni meta kien fl-impjieg mal-Perit Mintoff. Rigward il-bini u l-kostruzzjoni kien inkarigat perit iehor.[95] Ikkonferma li kien hu, issa privatament u mhux iktar bhala impjegat mal-Perit Mintoff, li hareg dikjarazzjoni li l-fond kien inbena skond il-permess u pjanti relattivi u dan sabiex ikun jista' jinhareg il-*compliance certificate.*[96] Skond id-dikjarazzjoni minn tieghu maghmula f'Mejju, 2010, jghid li kien ispezzjona l-fond *"and that the property is completed and does not require any other works".*[97] Jghid li jkun ghamel din id-dikjarazzjoni wara li jkun personalment spezzjona il-post u qabbel dak li sab mal-pjanti li fuqhom ikun inhareg il-permess inkluz *minor amendments* li jkunu saru fuqu;[98] *"Meta tohrog compliance certificate ma' ticcertifikax l-istruttura. Ticcekkja li l-istruttura nbniet skont il-pjanti. Imma mhux kif inbniet l-istruttura. Il-Planning Authority ma' tidholx fl-istruttura u kif ghidt diga l-istruttura hadtx hsiebha jien, jigifieri kien mill-ufficju tal-Perit Mintoff."*[99]

Meta l-Perit Lewis gie mitlub iqabbel il-pjanti relattati mal-*Minor Amendment*[100] dwar *Proposed Semi Basement* ma dawk li ssottometta hu mal-*compliance certificate*[101] jghid *"Jidher li hawn xi hajt fejn it-tarag hawnhekk, kien hawn xi bicca li kellha tigi bil-hamrija issa qed tigi ndikata bhala xaft."*[102] Dwar il-

[94] Fol.498-500
[95] Fol.653
[96] **Dok. JE** a fol.612 et seq.
[97] Fol.612
[98] Fol.654-655 u 658
[99] Fol.656
[100] Fol.391 u 630
[101] Fol.621 mmarkata **12c**
[102] Fol.659

hajt muri lilu fir-ritratti esebiti jghid li dan jidher li hu *"Huwa hajt hdejn l-appogg….mhux qed jistrieh bini mieghu"*.[103] Wara l-*Minor Amendments* dan il-hajt ma baqax jidher u jidher biss shaft minfloku[104]Jikkoncedi li meta saret l-inspection sabiex johrog il-*compliance certificate,* **kieku dak il-hajt kien hemm hu kien ser jirrimarka dwaru *"Probabbli kien ikun hemm xi rimarka minhabba l-curtilage*****….** *Konna nigbdu l-attenzjoni …. U kien hemm it-tielet parti li waraja l-Awtorita' taghmel l-ispezzjoni hi. Tarah hi."*[105] Ma kien hemm xejn li jwaqqaf li jsir *minor amendement* iehor biex jirratifika li jkun hemm bzonn.[106]

**Ghalhekk jirrizulta li l-hajt li ggarraf ma kien jidher fl-ebda pjanta sottomessa mal-MEPA; la f'dawk originali u lanqas f'dawk annessi mal-applikazzjoni ghal-minor amendment. Altrimenti dan kien jidher fil-pjanta tal-*Proposed Semi Basement*. Dan jikkonferma u jikkorobora x-xhieda li taw l-erba (4) Periti, inkluz l-espert tal-Qorti l-Perit Aquilina, li lkoll qabblu li il-hajt ma kien jidher fuq l-ebda pjanta li tirrigwarda l-*pool area*. L-iktar korroborazzjoni b'sahhitha itiha l-imputat James Mifsud meta iktar il-quddiem jixhed li hu nghata ordni biex jinbena l-hajt mhux minn xi perit imma minghand is-sid Antoine Attard!**

**D. Xhieda tal-Imputati**

Illi l-imputat **Antoine Attard** spjega kif flimkien ma martu xtraw plot u inkarigaw Perit rinomat ghall-binja. Kien l-istess Perit li rrakomanda il-kuntratturi Buz-Dov Developments Ltd.[107] Biex ikopru ftit mill-ispejjez u meta

---

[103] Fol.661-662
[104] Fol.630 (u 391)
[105] Fol.663-664
[106] Fol.664
[107] Fol.400-401

ma kienitx qed tintuza bhala residenza, id-dar kienet tinkera.[108] Kienu applikaw ghas-servizzji wara li nghataw *compliance certificate*. Fil-kors tax-xoghlijiet kien imur fuq il-post sabiex jara x-xoghol li kien qed isir galadarba kien qed ihallas ghalihom.[109] Dwar il-hajt jghid li nbena fl-istess zmien li giet mibnija d-dar u kien isservi bhala *boundary wall* li warajh kien hemm *boundary wall* iehor ta' terzi li hu gholi izjed.[110] Skond l-imputat il-hajt kien tali li wiehed seta' jserrah mieghu izda persuna kienet indendlet mal-hajt u sehh is-sinistru.[111] Inbena 3 snin qabel[112] flimkien mad-dar li kienet isservi ta' villeggjatura.[113] Il-hajt li jidher fir-ritratti esebiti fl-inkjesta kien fl-istess stat li nbena bih, *"lanqas zebgha, ghax inzebagh u wara tlett (3) snin, il-kwalita' baqghet, kont nghaddi minn hdejh kull jum, kont nghaddi minn hdejh tlett (3) darbiet kull jum, ghax kien hajt passagg, minn tarag li tista titla minn isfel, tista titla l-fuq. Kien iservini ta' kenn, ghax kont hajt li tista sserrah mieghu, u I mean gieli missejt mieghu, u qatt ma' rajt xejn hazin"*. Inbena u gie miksi mill-kuntrattur izda gie mizbugh minnu.[114]In kontro-ezami jikkonferma li hu ma rax lill-vittma jiddendel ma hajt, izda xehed dwar dak li jidher fir-ritratti.[115]Il-hajt skond l-imputat Attard kien marbut mat-tarag, ma'saqaf, mal-gnub[116] - fatt kuntrarjat minn dak li kkonstataw l-esperti tal-Qorti! Wara li waqa' l-hajt dan ma regax inbena, u hallew il-post bil-hajt tal-girien, maghmul minn blat, jidher.[117] Jammetti li **meta il-post beda jinkera ma kienx licenzjat ghal dan l-iskop.**[118] Ammissjoni

[108] Fol.401
[109] Fol.401-402
[110] Fol.403
[111] Fol.404
[112] Fol.405
[113] Fol.407
[114] Fol.406-408
[115] Fol.410
[116] Fol.412
[117] Fol.413
[118] Fol.414

aktar rilevanti hi li bejn il-hajt li kien waqa' u dak warajh appartenenti lil terzi ***"Kien hemm xi spazju…Kien hemm xi spazju[119] … ta' xi nofs pied".[120]***

Mill-provi prodotti u senjatament mir-ritratti li ttiehdu qabel ma sehh is-sinistru, ma jirrizultax li kien hemm xi rbit ta' dan il-hajt ma xi saqaf jew mill-gnub. **Irbit mat-tarag biss halla l-parti ta' fuq aktar dghajjfa tenut kont li s-sahha tinsab biss fil-parti t'isfel.**

Illi **Marlene Attard,** l-imputata, spjegat kif inxtrat plot flimkien ma zewgha u giet zvillupata f'zewg *maisonettes.* Il-binja tlestiet fl-2007, *"Kellna l-Perit li kien Dr. Edwin Mintoff, li mbghad kienu nkarigaw lill-kuntratturi biex tinbena din il-propjeta`….. Il-Perit ha hsieb l-applikazzjoni, l-pjanti, u kull ma' jkun hemm bzonn li jiehu hsieb Perit."*[121]Il-Perit inkariga lil Buz-Dov Developments Ltd.. Ma kienitx tmur fuq is-sit fejn kien qed isir il-bini.[122] Filwaqt li l-*maisonette* ta' fuq inbieghet dik t'isfel inzammet mill-konjugi Attard ghalkemm qatt ma marru jghixu fiha wara li nqala' ghawg fiz-zwieg taghhom. Gieli marru bil-familja taghhom ghal xi *bbq* u wara bdiet tinkera *"l-uzu tal-post….Bhala residenza".*[123] Meta kien ikun hemm xi problema fuq il-post kien imur zewgha izda dakinhar tas-sinistru zewgha kien imsiefer u meta l-inkwilini infurmawha li kien hemm dawl li ma bediex jixghel,[124] marret hi. Hekk kif kienet qed tirriversja biex titlaq giet mwaqqfa mill-inkwilini panikuzi w indunnat b'dak li kien sehh. Tkompli *"rajt guvni mal-art, bil-hajt imwaqqa, kien hemm id-demm hux, …. Kien jidher li qed jippreparaw ghal party, ghax fil-fatt kien jidher li kien hemm*

[119] Fol.416
[120] Fol.418
[121] Fol.424-425
[122] Fol.426
[123] Fol.428-429
[124] Fol.429-430

*xi xorb alkoholiku. ….Pero' dak il-hin ma'nistax niftakar.".*[125] Dwar il-hajt li waqa' tghid li nbena mill-kuntratturi u kien parti mill-izvillup. Kienu jkunu ta' spiss fil-vicinanzi tieghu mal-familja taghhom, *"**Pjuttost dekorrattiv kien.** …..Kien jinsab mat-tarag. Bejn in-naha tal-pool u n-naha ta' isfel*[126] *….. Ghalija assolutament kien normali, bhala parti mill-binja u mhux li ghandu bzonn xi manutenzjoni jew xi haga…. Kien hajt normali mizbugh, jigifieri."*[127] Tichad li kienet involuta b'xi mod fil-bini tieghu, u qatt ma tkellmet mal-perit jew mal-kuntratturi fuq il-binja *per se.*[128]

Ma ftakritx jekk il-hajt kienx previst fuq il-pjanti originarjament u l-anqas min ha id-decizjoni biex dan jinbena.[129] Dwar licenzjar tal-post mill-Malta Tourism Authority tikkonferma *"**Ma' kienx hemm licenzja tal-post**, pero' dak iz-zmien, ma' konniex nafu li trid xi licenzja. Nahseb li bhal kull propjeta` li tinkera Malta, illi probbabilment qeghda bla licenzja tal-MTA.".*[130] Tispjega li meta wasslet fuq il-post ma kien inbeda l-ebda party u kien hemm xi ghaxra (10) minn nies *in their twenties*.[131] "Kienu in *"party mood imma mhux ha nghid li kienu stilla… Ta' zghazagh. Pero' mhux burdell lanqas. Ta' zghazagh imma… Le. affarijiet imkissrin ma' kienx hemm, li kien hemm out of place li kien hemm hafna xorb on site…[ix-xorb] kien ghadu maghluq."*[132] Ix-xena li rat kienet ta' **guvni bi knaten tal-gebel fuqu, firxa ta' hajt shih** *"Kien hemm il-knaten inwaqqghin, ehe….. staqsejthom kif grat, il-haga, u ghidtilhom li dan ma' setghax waqa' … Wiehed (1) minnhom qalli: "Yes, he climbed the wall."…. staqsejtu, qalli li tela' mal-hajt, u l-ghada kien hemm ir-ritratti fuq wahda mill-cameras tat-turista li kien hemm, li kienet cara, ghax kien hemm Mr.*

---

125 Fol.431
126 Fol.433
127 Fol.434
128 Fol.434-435
129 Fol.439
130 Fol.440
131 Fol.441-442
132 Fol..442-443

*Cilliberti u kif bdejna naraw ir-ritratti ghidtlu: "Dawn ir-ritratti hudhom.""*[133] In ri-ezami tikkonferma li mir-ritratti li rat u esebiti fl-inkjesta tidher persuna tixxabbat mal-hajt, *"B' idejh imqabdin mal-hajt. Ma' fuq nett."*[134] Tikkonferma li l-post gie licenzjat ghall-kiri.[135] Mistoqsija jekk il-hajt kienx mibni b'mod sod tghid li ma taf assolutament xejn dwar dan ghajr li kien dritt bhal kull hajt iehor.[136]

Illi **Gordon Farrugia**, imputat, ghazel li jixhed u spjega kif hu kien **direttur f'Buz-Dov Developments Ltd. u gew inkarigati** jibnu l-binja in kwistjoni.[137] Kien imur fuq il-post biex isuq xi *crane* jew xi *truck*; f'sena li dam jinbena il-post mar xi 30 darba *"Kont insuq il-krejnijiet jew bl-ingenji u gieli **kont nidhol xi naqra gewwa u hekk nittawwal gewwa**".* Ix-xoghol tal-bini kien issir mill-bennejja. Dwar il-hajt jghid *"Jien dan il-hajt ma niftakarx, jien li niftakar li kien hemm il-blat iddislivellat u kien jidher il-blat dik li niftakar jien.... Il-bicca l-kbira Antoine kien jaghti l-ordnijiet hux... Spiss kont narah hemmhekk hux jien kull meta kont il-bicca l-kbira kien ikun hemm"*.[138] Bhala perit kien hemm il-Perit Mintoff izda hu qatt ma ltaqa' mieghu. Kien l-uniku hajt li waqa'.[139] Jiddikjara li ma jafx jekk il-hajt li waqa' kienx fuq il-pjanta jew le.[140] Jammetti li hu kien jara dak li kien ikun qed issir mill-haddiema ***"nara x'qed jsir hux mill-haddiema".***[141]

---

133 Fol.444-446
134 Fol.448
135 Fol.449
136 Fol.450
137 Fol.481
138 Fol.482-483
139 Fol.483
140 Fol.484
141 Fol.182

Illi **James Mifsud** xehed li kien il-kuntrattur **ingaggat biex jibni il-villa**. Jikkonferma li hu **direttur fil-kumpanija Buz-Dov Developments**.[142] Il-post kien ilu xi tlett sin li nbena *"Ahna bhala kuntratturi, ahna dejjem niehdu ordnijiet u direzzjonijiet jew mill-Perit jew mis-sid"* u f'dan il-kaz kien inkarigat il-Perit Mintoff li kien jibghat lil Perit Aaron Farrugia fuq il-post biex jara x-xoghlijiet ghalkemm *"ma tantx kien jigi l'hemm".*[143] Jghid li tul iz-zmien li kien qed jinbena l-post hu ra lil Perit Farrugia xi sitt (6) darbiet. Filwaqt li jibda biex jghid li kien ikun fuq il-post il-hin kollu fl-istess nifs jghid *"Kull jum kont immur hemmhekk, imma kwazi fil-gurnata, dejjem kont inqatta saghtejn, tlett sieghat."* Kien ikollu impjegati tieghu izda ***"hadd ma kien hemm foreman jew..bennej li kien jiehu hsieb naqra affarijiet"***.[144] Skond l-imputat Mifsud il-Perit Farrugia kien imur l-aktar jiccekja l-hadid tas-soqfa. Kienu s-sidien li ghaddewlhom il-pjanti u huma jimxu maghhom, *"Ahna* ***dejjem imxejna skont x' kien jghidilna Antoine Attard*** *[li kien ikun fuq il-post] kulljum…. niftakar li* ***Antoine Attard kien qalilna sabiex nibnu dan il-hajt sabiex kien hemm foratura [toqba] fil-blat,…. li kien inixxi l-ilma u d-dranagg minnu u ried jghattiha dik il-parti. U konna bnejna dak il-hajt.".*** [145] Dwar il-konkluzzjonijiet milhuqa mill-Perit Richard Aquilina jghid dan *"il-bricks qatt ma' jigi nkulmat. Ghax il-bricks ghandu li jghidulha zukra u l-bricks ha tidhol wahda gol-ohra u awtomatikament tigi qisha l-inkulmatura. Jinkulmaw il-gebel…. Inkulmar tfisser li tkisser bicca mill-kantun minn fuq, jigi qisu feles, timlih bit-tajn u ssammarha bejn kantun u iehor. Dak il-feles li tkun kissirt. ….Sabiex jintrabat ma' xulxin, jintrass ma' xulxin…. Litteralment ma' nafx jekk hux Perit, biex qal hekk."*[146] Mistoqsi mill-qorti diversament preseduta dwar il-kwalifiki tieghu fis-sengha tal-bini, jghid li ma ghandu l-ebda lawrja ghalkemm ilu fl-industrija tal-bini 22

[142] Fol.455
[143] Fol.456
[144] Fol.457
[145] Fol.458-459
[146] Fol.460-461

sena ***"Jiena Direttur ta' kumpanija, nidderiegi lin-nies x' ghandhom jaghmlu u ma' jaghmlux."***.[147]

In kontro-ezami jerga' jinsisti li Antoine Attard tah struzzjonijiet jibni l-hajt.[148] **Muri il-pjanti jghid li ma jista' jara indikat l-ebda hajt**.[149] Mifsud jixhed li ma jafx jekk qatt kienx gie perit jew haddiehor biex jiccertifika l-hajt.[150] Muri pjanta tal-*Proposed Semi Basement* fejn il-Qorti mmarkat hajt tal-appogg **XY** jikkonferma li dak kien il-hajt tal-appogg.[151] Ghalkemm jghid li Antoine Attard tah struzzjonijiet sabiex jinbena l-hajt ***"Lili li kien qalli biss li jixtieq jaghmel dan il-hajt biex jghatti l-ilma li kien qieghed jipperkola minn gol-blat".***[152] L-imputat isib diffikulta` jwiegeb minn ha d-decizjoni dwar kif inbena l-hajt u cioe` issirx inkulmar jew le imbghad jghid *"Is-sengha hekk titlob…. hija l-prattika u s-sengha li ma' jinkulmawhx [il-bricks]"*.[153]

Din hi ammissjoni cjara tal-imputat **li hu ordna lill-bennejja tieghu sabiex jibnu hajt fuq struzzjonijiet li ma gewx minghand perit/i** li fi kliemu stess kien isegwi l-istruzzjonijiet tieghu/taghhom. **Lanqas ma kellu *foreman* fuq il-post biex jiccertifika li x-xoghol qed issir skond is-sengha; dan kien wisq aktar mehtieg meta fi kliemu ma kienx inkarigah perit biex jinbena l-hajt izda biss mexa' skond kif ordnalu s-sid.**

Illi jibqa' l-fatt li ai termini tal-artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali, dak li jistqarr Mifsud fil-konfront ta' Attard ma jaghmilx prova kontra l- imputat Attard. Irid jinghad li minkejja tali regola procedurali, hu ludikru u nieqes

147 Fol.464-465
148 Fol.466 u 468
149 Fol.467-468
150 Fol.469
151 Fol.470 – mmarkat 12C
152 Fol.471-472
153 Fol.473-474

minn kull ombra ta' professjonalita` li kuntrattur - bi 22 sena fil-mestjier u meta il-progett kien qed issir taht sorveljanza tal-ufficju tal-periti li kienu sahansitra nkarigaw lill-kumpanija tieghu mill-bini tal-progett – strah unikament fuq dak li qallu persuna li la hi bennej u wisq anqas perit! **Ghaliex ma hax l-izbriga jkellem perit u jikkonferma li l-hajt kien strutturalment sod? Fejn qabel kien jimxi ma dak li jghidulu l-periti ghaliex din id-darba mexa minghajr ma indenja ruhu jassigura li kif kien ser jinbena, u/jew kif gie mibni l-hajt li ried Attard, dan kien strutturalment sod?**

Din l-ammissjoni ta' Mifsud tissigilla l-kaz tal-prosekuzzjoni in kwantu tipprova kemm Mifsud kien negligenti f'ghemilu! L-ammissjoni tieghu minflok sservi bhala prova kontra Antoine Attard iddeterminat b'mod lampanti il-mankanzi w l-imperizja tieghu meta qabad u **tella' hajt mhux ingaljat u marbut ghajr ghal minn mat-tarag, u dan minghajr ma kien inghata struzzjonijiet jew ottjena certifikazzjoni jew konferma li l-mod li bih bnieh kien strutturalment sod! L-istess jinghad dwar ir-responsabbilita` ta' Farrugia meta jammetti li apparti li anke hu kien jaghmel xoghol fuq il-binja, kien imur fuq il-progett u jara dak ix-xoghol li l-bennejja taghhom ikunu qed jizvolgu.**

Illi issa li gew kkunsidrati l-provi, il-Qorti ser l-ewwel tghaddi biex tikkunsidra l-gurisprudenza dwar ir-reat ravvizat bl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, dak tal-omicidju involontarju addebitat lill-imputati kollha.

## E. Konsiderazzjonijiet Legali: *L-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E &A., A&CE** gie deciz:[154]

[154] 4.02.1961 per Onor. Imhallef Dr. J. Flores. Kollez. Deciz Vol.XLV.iv. 870, 903

Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju…..

…..Huwa obligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall-prevenzjoni ta' pregudizzju ghal-terzi. Hija kultant il-ligi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun negligenza, bhala element tal-kolpa, in-nuqqas ta' tharis tal-precett tal-ligi. Fejn dan il-ligi ma tghamlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l-generalita` tal-ohrajn tajba tal-istess kategorija ma kienitx tadopera fic-cirkostanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-responsabbilita` kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina d-diligenza indispensabbli biex jigu evitati sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxplina l-kondotta individwali, ihalli lok ghall-apprezzament ta' diffikultajiet u probabilitajiet tas-sitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqies ic-cirkostanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk mbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kienitx obiettivament adatta ghall-kaz konkrett, huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il-konvinzjoni ragunata, jew dik li komunemenet tissejjah ic-"certezza morali", kif distinta mic-"certezza obbiettiva", tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita`. Din il-konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq innuqqas ta' impenji ghall-iskoperta` tar-realta`, imma fuq il-verosimilianza soda li, a bazi ta' elementi esterni, is-sitwazzjoni tkun tipprezenta.

Dan l-istess kuncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita` bejn ir-rizultat u l-kondotta tal-agent. Presuppost ta' dan in-ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistx ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness, u allura l-event dannuz johrog mill-limiti tal-imputabbilita` u jkun jirraprezenta l-fortuwitu.

L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikolarment jissuccedi fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista` huwa kontinwament konfrontat minn esigenzi, diffikulatjiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti.
[sottolinejar tal-Qorti]

Illi fis-sentenza **Ciantar v Gatt**[155] gie citat l-**Chirani** li qal:

*"L'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore, o dello stato di necessita', quali mezzi liberatori delle responsabilita, cessano quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa dell'agente… Il fatto illecito si conobbe allora al comportamento giuridicamente anormale, ne sara valevole l'eccezzione liberatoria perche' inutilizza dal dolo o dalle colpe precedente…."*

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri**:[156]

---

[155] Qorti tal-Appell Civili; 15.05.1926, per Onor. Imhallef Luigi Camilleri
[156] Per Onor. Imhallef Edwina Grima, Deciza 28.02.2018

Fil-fatt artikolu 225 jitkellem fuq "*nuqqas ta' hsieb, traskuraggni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti" ……*

Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg teoriji partikolari dwar il-kuncett ta' negligenza: it-teorija oggettiva u dik suggettiva. L-ezami ghat-teorija oggettiva mhux wiehed li hu mmirat biex jistabilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta' dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta li ghandu jkollha f' cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-teorija suggettiva tenfasizza fuq kemm wiehed ikun vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f' dak il-kaz partikolari.

Ghalkemm il-legislatur naqas milli jaghti spjegazzjoni tat-termini "nuqqas ta' hsieb u traskuragni", madanakollu l-Qrati taghna dejjem interpretaw dawn it-termini bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f' cirkostanza partikolari. Tali interpretazzjoni taghmel sens hafna iktar meta tikkunsidra li l-Kodici taghna huwa bbazzat fuq il-Kodici Taljan tal-1889 fejn l-ezami ta' negligenza huwa wiehed suggettiv.

*Di piu'* il-gurista **Sir Anthony Mamo**, fin-Noti tieghu, jistipula illi ghalkemm il-legislatur jonqos milli jaghti definizzjoni ta' dawn it-termini pero' "**it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances."** Il-Professur Mamo kompli jsostni li **"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen".[157]**

Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ' **Il-Pulizija vs Richard Grech'**[158] gie deciz li l-kuncett ta' traskuragni jimplika **"certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali."** Ghaldaqstant skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda palesi, sabiex l-appellanti setghet tinsab hatja li saqet b' nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, kien jehtieg li tali hsara tkun preveddibli, ghalkemm mhux prevista.

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ' **Pulizija vs Perit Louis Portelli'**[159] gie stipulat li:

**"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f' nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.**

**Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal- kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall- gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"**

---

[157] Lectures in Criminal Law, Volume 1
[158] Deciza nhar il-21 ta' Marzu, 1996 per Onor. Imhallef V. DeGaetano
[159] Deciza nhar l-4 ta' Frar, 1961 per Onor. Imhallef J. Flores

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 t' Ottubru 2012 fl-ismijiet **: Il-Pulizija v Peter Stroud**[160], il-Qorti ccitat dak illi qal **Archbold** fil-' *Criminal Pleading, Evidence and Practice*':

**"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied "reckless" most nearly covers the case ... but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."**

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et**:[161]

"Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."[162]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza"[163] u kif jghid **Antolisei**, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente

---

160 Per Onor. Imhallef M. Mallia

161 Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, 25.04.2014, Kump. Nru 609/1993

162 **Carrara F.**, "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.

163 **Dizionario Zingarelli,** (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", **Nicola Zingarelli** (Edizzjoni 12, Gunju 2001).

ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".[164] U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."[165] Bl-istess mod, fissentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".[166]

Skond l-imsemmija sentenza, "**Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn**.
[emfazi tal-Qorti]

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi "The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (**Carrara,** Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.""[167]

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) **Il-Pulizija vs Alexander-Roger Manche** ntqal:[168]

Illi l-imputat jinsab akkuzat kif diga inghad iktar 'il fuq bir-reat tal-omicidju involontarju. Illi madanakollu l-Qorti tistqarr illi dana il-kaz kien iktar kumpless minn kawzi ohra ta' reati ta' natura involontarja billi jitratta dwar allegat zball kommess minn professjonista fil-kors tal-ezercizzju tal-professjoni tieghu.

---

[164] **Antolisei F.**, "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.
[165] **Novissimo Digesto Italiano**, Vol. III, p. 548.
[166] **Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg**, fuq citata
[167] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.
[168] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Per Onor. Magistrat Edwina Grima; Deciza 6 t'Awissu, 2013

Kwindi il-Qorti trid necessarjament tinvestiga mhux kwalsiasi eghmil maghmul minn bniedem fil-hajja ordinarja, izda eghmil ta' natura professjonali u l-grad ta' responsabbilta mistennija minn min ipprepara ruhu u ipprezenta ruhu biex jagixxi f'dik il-professjoni partikolari.......

Illi r-reat involontarju gie trattat b'mod kopjuz fil-gurisprudenza taghna u l-elementi li isawwru dana ir-reat gew studjat *funditus* fejn gie spjegat il-kuncett tal-kulpa fil-ligi Maltija. .......

Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma' dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz. Illi **Francesco Antolisei**, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk:

"***Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'.***"

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech** (21.03.1996), gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta.......

Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta' natura involontarja**:**

1. **azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti.**
2. **ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuza.**
3. **l-element tal-prevedibbilita'**

Ikkunsidrat,

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputat:
1. kienx negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir tieghu.
2. jekk dana jirrizulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-agir tieghu u l-event dannuz.
3. jekk il-hsara kenitx wahda prevedibbli.

Illi kif intqal *"Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal <u>nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti</u>, ordnijiet u simili..."*.[169]

---

[169] **Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et**, *supra cit.*

Illi fir-***Regolamenti dwar is-Sigurtà tal-Bini*** (Avviz Legali 96 tal-1968; L.S. 424.06) fis-sehh fiz-zmien tas-sinistru[170] li *inter alia* jistipulaw id-dmirijiet ta' bennejja u kuntratturi, jibdew biex jelenkaw dawk ix-xoghlijiet li jridu isiru taht kontroll u supervizjoni tal-bennej fosthom kull xoghol ta' kostruzzjoni:

> **4.** Ikun id-dmir ta' kull kuntrattur jew haddiehor li jimpjega l-haddiema li jkun qed jaghmel xi wiehed mix-xoghlijiet li ghalihom japplikaw dawn ir-regolamenti li jhares dak li hu mehtieg b'dawn ir-regolamenti.
>
> **5.** Ix-xoghlijiet kollha li jinvolvu **kostruzzjoni**, tibdil, strutturali jew twaqqigh **ta' bini**, jew il-preparazzjoni ghal, jew ittqeghid ta' pedamenti ta', bini ippjanat ghandhom ikunu taht is-sorveljanza u l-kontroll generali ta' bennej li ggandu jissorvelja personalment dawn ix-xoghlijiet:

Illi r-Regolament 2 jaghti din it-tifsira-

> "bini" tinkludi kostruzzjonijiet ta' kull xorta, ikun liema jkun il-materjal li minnu jkun maghmul, u tinkludi kull struttura permanenti kif ukoll kull struttura temporanja li taqa' taht it-tifsira ta' armar kif imfissra hawnhekk izjed 'il quddiem.

Ghaldaqstant l-imputati Mifsud u Farrugia, bhala kuntratturi li kienu anke jiffrekwentaw is-sit waqt li kienet issir il-kostruzzjoni tal-binja, indubbjament **kellhom obbligu jaccertaw rwiehom li l-bini tal-hajt kien taht is-sorveljanza u l-kontroll generali ta' bennej. Minflok Mifsud jammetti li *"hadd ma kien hemm foreman jew.....bennej li kien jiehu hsieb naqra affarijiet"*.**[171]

Illi ghalhekk mhemmx dubbju li **minbarra fil-mod li bih gie mibni l-hajt - minghajr rbit jew ingaljar - anke hawn tirrizulta l-culpa!** *Multo magis* meta jitqies li Mifsud ma ha l-ebda struzzjonijiet minghand Perit u ma talab ghall-ebda assigurazzjoni jew certifikazzjoni li l-hajt gie mibni b'mod strutturalment sod. Hajt li indubbjament irrizulta li ma kienx mibni skond is-sengha u l-arti; fejn irrizulta li kien hemm imperizja fil-mod kif inbena.

---

[170] Imħassrin bl-Avviż Legali 89 tal-2018.
[171] Fol.457

Ghalhekk maghmula dina l-esposizzjoni legali in materja, il-Qorti ser tghaddi issa biex tapplika l-istess ghal fattispecje tal-kaz in dizamina billi tislet il-konkluzzjonijiet mnissla mir-rizultanzi processwali.

## F. Provi Saljenti

Illi mill-assjem tar-rizultanzi processwali l-Qorti ddeterminat is-segwenti-

1. Fid-data tas-sinistru l-fond ma kien igawdi mill-ebda licenzja sabiex jinkera minn turistici. Dan jammettuh **l-imputati Attard**;[172]

2. Ghall-finijiet tal-kaz in dezamina, hu immaterjali jekk il-hajt li ggarraf kienx kopert bil-permess tal-MEPA jew le. Il-fatt li struttura hi koperta bil-permessi necessarji, ma jezonerax lil min jibniha mill-obbligi tieghu li din ghandha tinbena skond is-sengha u l-arti.

3. Bis-semplici fatt li nhareg *compliance certificate*, ma jfissirx li l-hajt kien strutturalment sod. <u>Il-MEPA ma ticcekjax strutturi</u>! Anzi kif jixhed il-**Perit Lewis** "*Meta tohrog compliance certificate <u>ma' ticcertifikax l-istruttura</u>. Ticcekkja li l-istruttura nbniet skont il-pjanti. Imma mhux kif inbniet l-istruttura. Il-Planning Authority ma' tidholx fl-istruttura*[173]*………..*". Il-**Perit Mintoff** ukoll jikkonferma *"….<u>Ma' jidhirx li huwa hajt strutturali. ….Ghalhekk ma' jiffijcerjax fil-compliance certificate.</u>"* [174]

---

[172] Fol.414- Xhieda Antoine Attard; Fol.440 Xhieda Marlene Attard.
[173] Fol.656
[174] Fol.672

4. Il-fatt li kemm il-Perit Lewis ma hax nota tal-hajt meta saret id-dikjarazzjoni minnu ghall-finijiet tal-applikazzjoni ghal *Compliance Certificate* f'Mejju, 2010 - u dan meta biex saret dik id-dikjarazzjoni jixhed li ha in konsiderazzjoni l-pjanti originali kif ukoll dawk li dwarhom saru *Minor Amendments* [175] - maghdud mal-fatt li lanqas ma tirrizulta xi diskrepanza mal-pjanti kif approvati meta nhareg il-C*ompliance Certificate* f'Gunju, 2010, jindikaw li dan il-hajt sar wara dik id-data.[176] Fil-fatt il-**Perit Aaron Farrugia** jghid li l-hajt necessarjament ittella' wara li l-progett tlesta u hu ma baqax jiffrekwenta s-sit:[177] *"**dan il-hajt jien ma niftakrux**, u dan **ghaliex anke fuq il-pjanta, mal-hajt ta l-appogg m'hemm l-ebda linji li jindikaw li l-hajt kien ippjanat, u allura, l-hajt mhux kopert bil-permessi tal-MEPA…dan il-hajt sar b'alterazzjoni tal-pjanta,** u **meta jien ma kontx nattendi aktar fuq il-post.**[178] …..Nghid illi l-hajt li waqa **ma kien jifforma parti** mill-progett tal-bini originali…".*[179] Kien ghalhekk li ma ngieb l-ebda perit meta Mifsud ordna li jittella' l-hajt!!

5. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument, l-istruttura tkun saret fuq struzzjonijiet ta' perit arkitett, jekk il-kuntrattur ma jkunx segwa dawk l-istruzzjonijiet, xorta jibqa' jgorr ir-responsabilita` tieghu.

6. Fil-kaz in dezamina l- Periti inkarigati mill-progett (i) jaqblu li l-hajt ma jidher fl-ebda pjanta tal-binja u (ii), lkoll jistqarru li ma taw l-ebda struzzjonijiet dwar il-hajt li sussegwentement spicca biex qatel liz-zaghazugh:

---

[175] Fol.654-655 u 658
[176] Fol.612
[177] Fol.492
[178] Fol.253
[179] Fol.254

a). Il-**Perit Mintoff** jixhed: *"kif jirrizulta mid-disinn kif approvat,* ***il-hajt in kwestjoni ma kienx jifforma parti mid-disinn.".***[180] Riprodott u muri il-pjanta a fol. 647 li giet sottomessa ghall-ghanijiet biex jinhareg il-*compliance certificate* - li nhareg f'Gunju, 2010[181] wara li kienu saru *minor amendments* approvati fl-20 ta' Marzu, 2006[182] - **jikkonferma li l-hajt li waqa' fuq il-pjanta ma jidhirx:** *"Le, ma' jidhirx, hawn hajt hawnhekk, pero dan il-hajt ghal liema jirreferi on site wiehed irid jara. Hawhekk hawn hajt, pero' ma' jidhirx li huwa l-istess hajt. Ghax qieghed sporgut il-barra…..".* [183];

b). Il-**Perit Aaron Farrugia** xehed *"**dan il-hajt jien ma niftakrux,** u dan ghaliex anke fuq il-pjanta, mal-hajt ta l-appogg m'hemm l-ebda linji li jindikaw li l-hajt kien ippjanat, u allura,* ***l-hajt mhux kopert bil-permessi tal-MEPA**…**dan il-hajt sar b'alterazzjoni tal-pjanta, u meta jien ma kontx nattendi aktar fuq il-post.***[184] ***……………*** *l-hajt li waqa* ***ma kien jifforma parti*** *mill-progett tal-bini originali…**minn estenda l-hajt [tul il-medda tat-tarag], f'liema zmien, u minn ta l-istruzzjonijiet, nghid li ma nafx….***[185];

*c).* Il-**Perit Lewis** minn naha tieghu jiddikjara *"**kieku dak il-hajt kien hemm hu kien ser jirrimarka dwaru …Probabbli kien ikun hemm xi rimarka minhabba l-curtilage**…. Konna nigbdu l-attenzjoni…. "*[186]

---

[180] Fol.244
[181] Fol.612
[182] Fol.647 (kopji a fol.621 u 630 dan tal-ahhar relatat mal-*Minor Amendments* a fol. 640, mmarkat **66c**
[183] Fol.672
[184] Fol.253
[185] Fol.254
[186] Fol.663-664

7. Gie ampjament ppruvat li l-kuntrattur bena l-hajt fuq struzzjonijiet tas-sid Antoine Attard. Din id-dikjarazzjoni taghmel prova biss kontra l-imputat Mifsud u l-kumpanija li taghha kien direttur. Mifsud qal: ***"Antoine Attard kien qalilna sabiex nibnu dan il-hajt sabiex kien hemm foratura [toqba] fil-blat,…. li kien inixxi l-ilma u d-dranagg minnu u ried jghattiha dik il-parti. U konna bnejna dak il-hajt[187]……Lili li kien qalli biss li jixtieq jaghmel dan il-hajt biex jghatti l-ilma li kien qieghed jipperkola minn gol-blat".[188]*** Dwar l-irwol tieghu jiddikjara ***"Jiena Direttur ta' kumpanija, nidderiegi lin-nies x' ghandhom jaghmlu u ma' jaghmlux.".[189]***

8. Illi jirrizulta li Quentin Michel ma ezercita l-ebda forza barranija mal-hajt. Kien qed jippoza biex jiehu ritratt taparsi tiela' mal-istess hajt billi filwaqt li zamm man-naha ta' fuq tieghu bil-pali t'idejh, ghamel ta' bir-ruhu li kien tiela' mieghu billi gholla saqajh wahda u serraha ma hajt filwaqt li siequ l-ohra qatt ma halliet l-art. Anke jekk stess prova jitla' mal-hajt, hajt jibqa' hajt, u kellu jkollu dik l-istabbilita` mistennija u mhux jispicca jiggarraf minn nofsu semplicement ghax bniedem zamm u qabad mieghu (Vide ritratti a fol.106-107). Hawn ma waqawx *brick* jew tnejn imma bejn 15-20 wahda, iggarraf kollu ghajr ghall-parti li kienet tmiss mat-turgien! Dan il-fatt jwassal ghall-konkluzjoni li gja sar accenn ghaliha mill-Perit Arkitett Aquilina u cioe` li l-hajt **ma kellu l-ebda rbit ma wara; precizament ma fejn Antoine Attard jixhed li kien spazju vojt[190].** L-uniku parti tal-hajt li baqghet shiha, ghalkemm b'ghadd ta' konsenturi, kien precizament il-parti li tmiss mat-turgien. <u>Ghajr ghal din il-parti tal-hajt il-kumplament baqa' perpur, mholli b'vojt bejn il-hajt u l-hajt t'apogg ta' warajh, minghajr ma dak il-vojt gie mimli b'konkos jew</u>

[187] Fol.458-459
[188] Fol.471-472
[189] Fol.464-465
[190] Fol.418

minghajr ma gie ingaljat u marbut sabiex jinghata l-istabbilita` u s-sahha li hitan jirrikjedu.

9. Kif jista' ma jitbandalx u jitbewwaqx hajt ingaljat biss mill-parti t'isfel tieghu? L-abbli difensur tal-imputati Mifsud u Farrugia fil-kors tas-sottomissjonijiet finali tieghu jattribiwxxi dan il-fatt ghal-ghemil tal-vittma li skond hu ddendel mieghu u gibed il-hajt ghal fuqu. Il-Qorti ma taqbilx ghal kollox ma dan l-argument u tattribwixxi l-fatt li ggarraf mill-parti fejn ma kienx hemm rbit propju minhabba dan in-nuqqas (t'irbit jew ingaljar mal-hajt ta' warajh)! X'ma jitperpirx u jinbezaq il-barra mal-inqas moviment jew impatt? Ir-ritratt ferm illustrattiv juri il-hajt qed jitbewwaq il-barra mhux minn naha ta' fuq ma fejn kien serrah idu izda ferm aktar l-isfel. Fl-istess ritratt jidher kemm il-vittma kien ta' statura irqieqa, wieqaf fit-tarag u **mhux qed jipprova jiskala l-hajt jew jissussah izda jserrah mal-parti ta' fuq tieghu**.[191] Fil-fatt l-espert inkarigat Vincent Ciliberti jiddikjara *"Illi **Dok-VEC-2,**[192] **jindika minghajr ebda dubbju l-veracita` tax-xhieda moghtija mill-istudenti,** fis-sens illi fil-hin tal-incident, is-sur Quentin Michel kien bil-wieqfa fit-tarag b'wiccu lejn il-hajt, bil-pali t'idejh imqabbda mal-wicc ta l-ahhar filata tal-bricks, bil-hajt qieghed jitbewwaq, kif jidher cjar mir-ritratt".*[193]

**10.** Irrizulta wkoll li l-hajt beda jitbandal u inbezzaq il-barra hekk kif Quentin Michel kien qabad il-hajt mill-parti gholja tieghu u ddendel mieghu sabiex jittiehidlu ritratt taparsi tiela' mal-hajt. Hu minnu li ma kien hemm l-ebda intenzjoni li jitla' mal-hajt tant li sieq wahda baqghet dejjem ferma mal-art izda **mhemmx dubbju li l-hajt iggarraf hekk kif hass il-vittma jiddendel**

---

[191] **Dok- VEC-2** a fol. 102
[192] Fol.102
[193] Fol.72

**mieghu b'sieq l-ohra mghollija taparsi tiela' mieghu.** Dan jikkonfermawh shabu **Chaboureau, de Couedic, Viallard, Guezenc** u **Pons:**

*"Quentin was trying to hang on the wall, touching the wall.";*[194]

*"I remember Quentin putting his arms up putting them on the wall…He was just hanging on the wall…trying to climb…..[mir-ritratt jidher] …he actually was hanging on the wall pulling himself above the wall"* [195]*;*

*"Quentin tried to sort of climb the wall. He did not manage and tried again. I am sure that on the second attempt Quentin had the right foot resting on the steps, while the left foot was raised against the wall, with his hands at the top of the brick wall… it was just a simulation for us to take some photographs…";*[196]

*" the pose he wanted to have was basically pretending to climb above the wall. So that's why he started just like hanging on the wall with his two hands above the wall but still with one foot on the stairs. He didn't jump on the wall or anything. It was just like slowly hanging on the wall and the goal of the picture was to see him pretending he was climbing the wall…from what I was seeing he was literally hanging on the wall like he wasn't pulling his arms above the wall because he was like hanging on the wall, I mean he was pretty straight…he wasn't pushing or forcing on his arm to pull himself above the wall…his position was just like hanging and resting along the wall just in time to take the picture.";*[197]

---

[194] Fol.543 - Xhieda Guezenc
[195] Fol.584, 586 – Xhieda Chaboureau
[196] Fol.81-82 – Xhieda Vallette Viallard
[197] Fol.589 - Xhieda ta' Nicholas Drizard

*"He went to the wall, jumped up to get hold of the top of the wall……..hanging on the wall….No force at all. ….Quentin was on the stairs and he was trying to get hold of the wall. There was no time as far as I'm concerned in which Quentin was trying to scale the wall….his foot on the stairs………He just wanted to hang on the wall to take a photo".*[198]

11. Il-hajt li nbena kien nieqes mill-istabbilita` u fermezza li hitan ghandhom ikollhom. Ma hemm l-ebda dubbju li hajt li jispicca ggarraf fil-parti l-kbira tieghu, mibni bi bricks tas-7" li thallew vojta u li gew ingaljati fil-parti t'isfel biss, li malli hass ftit ta' forza fuqu tbewwaq u kkollassa, ma jista' qatt jibda jitqies li nbena skond l-arti u s-sengha. Fil-fatt:

a). **L-espert Vincent Ciliberti** permezz tal-iskizz **DOK-VEC-1**[199] juri li l-hajt li ggarraf kien mibni b' *"7" hollow concrete blocks"*[200] *u kien* jifred it-turgien minn mal-*'rock face'* warajh.

b). **Il-Perit Richard Aquilina** jindika li l-hajt kien mal-medda tat-tarag: *'2' :"Medda ta' 1.78m fejn deher li kien hemm rivestiment tal-bricks".*[201] Jikkonstata *"Il-parti fejn kien imtella' dan il-bricks kien ta' 1.78m 9 (Cirka 5'10") u ghalhekk jidher li l-hajt tal-bricks li nqaleb kien ta' circa hames filati gholi. …. Minn dak li gie kkonstatat, deher li* ***l-hajt tal-bricks li kien inqaleb ma kellu l-ebda nkullmar jew xi rabta tal-konkos mal-blat ta' wara."***[202] F'relazzjoni addizzjonali jikkonkludi *"Illi kif jidher fir-relazzjoni tieghu, deher* ***li l-hajt tal-bricks li kien inqalleb ma kellu l-ebda inkullmar jew xi rabta tal-konkos mal-blat ta wara. Illi ghalhekk, dak ma kellu xejn xi***

---

[198] Fol.520, 528, 533 -Xhieda de Couedic
[199] Fol.117
[200] **Dok-VEC-1** a fol.117
[201] Fol.143, indikat bhala
[202] Ibid.

***jzommu milli jinqaleb**, kif fil-fatt gara u b'hekk jirrizulta **li l-hajt ma kienx mibni skond is-sengha u l-arti".***[203]

***c). Mir-ritratti esebiti jidhru bricks bi ftit li xejn tajn tas-cement. Jidher hajt b'konsenturi anke fil-parti fejn hemm it-tarag t'isfel.***

12. Il-kuntrattur **James Mifsud** jammetti li ma kellu l-ebda *foreman* jew bennej biex jissorvelja ix-xoghlijiet li kienu qed issiru fuq il-progett <u>***"hadd ma kien hemm foreman jew……bennej li kien jiehu hsieb naqra affarijiet"***</u>.[204] Dan il-fatt <u>ukoll</u> jikkostitwixxi vjolazzjoni tar-regoli 4 u 5 dwar ir-***Regolamenti dwar is-Sigurtà tal-Bini*** (Avviz Legali 96 tal-1968; L.S. 424.06); nuqqas li jisfida l-buon sens u d-diligenza mistennija minn min gie fdat kawza tal-mestjier li kien jahdem fih!

13. Illi **Gordon Farrugia** jammetti li kien involut fil-kumpanija Buz-Dov Developments Ltd. u kien, simili ghal Mifsud, izur il-progett fejn anke jghid li kien isuq xi ingenji kbar. Jammetti li zar is-sit xi 30 darba u meta kien ikun fuq il-post ***"nara x'qed jsir hux mill-haddiema".***[205]

14. Kemm Mifsud kif ukoll Farrugia jammettu li l-progett gie fdat il-kumpanija taghhom Buz-Dov Developments Ltd., li fi zmien is-sinistru kienu jokkupaw il-karigi ta' diretturi.

---

[203] Fol.288
[204] Fol.457
[205] Fol.182

15. Illi jirrizulta li l-awtopsja gie konkluz li *"l-lezjonijiet ta' natura gravi subiti minn Quentin kienu lezjonijiet rizultanti minn dan l-incident trawmatiku imsemmi."* [206].

16. Illi l-awtopsja kkonkludiet li l-vittma miet kawza ta *"chest trauma, namely, rib fractures and right lung hilar laceration, including laceration of the right main bronchus, sustained at compression of the chest."* [207].

Illi ghaldaqstant gie ampjament ippruvat li l-hajt iggarraf meta l-vittma ghamel ta' bir-ruhu li kien qed jitla mal-hajt u ddendel mal-parti ta' fuq tieghu sabiex jiehu ritratt. Ghalkemm ma jidhirx li uza xi forza straordinarja ghaliex qatt ma jirrizulta li kien qed jittenta jiskala l-hajt, jibqa' l-fatt li **bl-ghemil azzardat tieghu id-*decujus* ipprecipita l-waqa' tal-hajt. Hajt li gie ampjament ippruvat ukoll li certament ma kienx mibni skond is-sengha u l-arti.** Altrimenti wiehed kien jistenna li taqa'/jaqaw biss il-*brick/s* tal-parti ta' fuq, ma fejn kien zamm il-vittma, u mhux il-medda u l-firxa tal-hajt kollu. **Hajt li ma kellu l-ebda rbit u fejn ma kienx ingaljat jew imqabbad mal-hajt/*rockface* li kien hemm warajh**. Tant hu hekk li fejn il-hajt kien imqabbad mat-tarag dan baqa' shih. Il-kumplament iggarraf precizament ghaliex il-parti **fejn ma kienx hemm ingaljar mat-turgien ma sabx infurzar tieghu.** Il-*bricks* ukoll jidhru nieqsin minn ammont xieraq ta' tajn u cement. Hajt mibni b'mod dilettantesk u bi traskuragini liema bhala.

Illi minkejja l-azzjoni kemmxejn spavaldata tal-vittma, jibqa' l-fatt li hajt hu mistenni li jgawdi minn stabbilita`, sahha u fermezza. Mhemmx dubbju li l-hajt iggarraf mal-inqas forza maghmula mill-vittma. Dan jikkonferma dak li kkonkludew il-Perit Aquilina u l-espert Ciliberti. Kif anke jixhdu r-ritratti, il-

[206] Fol.217
[207] Fol.154

*bricks* li thallew vojta ma kellhom ebda support warajhom in kwantu ghall-parti l-fuq mit-turgien. Kien hajt nieqes minn kull irbit bl-uniku forza koncentrata fil-parti baxxa tieghu. X'ma jitbandalx u ma jitbewwaqx!?!

Illi fid-dawl tal-provi akkwiziti l-Qorti tqis li l-mewt tal-vittma sehhet kawza tal-hajt li ggarraf liema hajt inbena bi traskuragini, mhux skond is-sengha u l-arti kif jikkonkludi gustament l-Perit Aquilina. Hajt li nbena minghajr ma gie accertat mqarr remotament li kien strutturalment sod. Kien hemm nuqqas ta' diligenza u non-kuranza akuta fil-mod li nbena dan il-hajt mill-kuntratturi <u>Mifsud u Farrugia</u> ingaggati mill-konjugi Attard. Kienu huma li hadu fuqhom l-inkarigu li jibnu l-progett u bhala tali kellhom jaccertaw rwiehom li dak kostruwit minnhom ma kienx johloq periklu ghal min kien jiffrekwenta dik id-dar. Ghalkemm kienu jkunu fuq is-sit ma ghamlu xejn biex jassiguraw rwiehom li l-hajt mtella' minnhom taghhom kien strutturalment sod. Dan meta fi kliem James Mifsud l-ordni ma gietx minn Perit u lanqas ma rcieva xi struzzjonijiet dwar kif kellu jinbena il-hajt!

Ghalhekk gie ampjament ippruvat in-ness ta' kawzalita` bejn in-nuqqas tal-kuntratturi konsistenti fit-traskuragini, non-kuranza u imperizja taghhom u l-mewt taz-zaghzugh. Altru` li tirrizulta l-kulpa fir-rigward tal-imputati Farrugia u Mifsud.

Illi dan in-ness ta' kawzalita` jirrizulta biss fil-konfront tal-kuntratturi in kwantu l-konjugi Attard, ghalkemm jista' jaghti l-kaz li naqsu meta ma qabdux perit jiccertifika li l-hajt kien strutturalment sod, ma jistax jinghad li kien dan in-nuqqas li kkawza l-mewt tal-vittma. L-istess jinghad ghall-fatt li l-hajt ma kien inhareg ebda permess ghalih. <u>Il-MEPA ma tissindikax kif jinbnew strutturi; responsabbilita` ghal dan taqa' esklussivament u tibqa' tingarr  minn min hu inkarigat jaccerta ruhu li dak kostruwit minnu ikun</u>

kostruwit skond is-sengha u l-arti; ikun kostruwit b'mod li ma jservix ta' periklu ghal terzi! Il-konjugi Attard inkarigaw professjonisti fis-settur tal-bini li kienu gew rrikmandati lilhom mill-ufficju tal-periti taghhom. Il-figura tal-perit, li setghu ingaggaw, qatt ma tista' tezonera terzi mill-obbligi u responsabilitajiet taghhom. Perit jista' jgib permess sabiex jigi awtorizzat li tinbena struttura partikolari u jaghti struzzjonijiet kif ghandha tinbena; il-MEPA tista' tapprova l-bini ta' tali struttura; izda fl-ahhar mill-ahhar jiddependi ghal kollox fuq is-sengha w l-abbilita` tal-kuntrattur u l-bennejja tieghu biex isegwu dawk l-istruzzjonijiet u jibnu l-istruttura skond dak li jiddetta l-mestjier minn taghhom.

## G. Responsabbilita` Personali w Vikarja ta' James Mifsud u Gordon Farrugia

Illi kif gie rilevat fit-trattazzjoni tal-abbli difensur taghhom, James Mifsud u Gordon Farrugia jinsabu akkuzati bir-reat ravvizat bl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali kemm fil-kapacita` personali taghhom kif ukoll dik vikarja in kwantu fid-data tas-sinistru kienu jokkupaw il-kariga ta' diretturi f'Buz-Dov Developments Ltd.

Issir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Daniela Debattista**:[208]

Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha ghamlet ezami ta' dak dispost fl-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni sabiex imbaghad ghaddiet biex stabbilit ir-responsabbilta vikarja ta'l-appellanti u dan fil-vesti taghha ta' direttur tas-socjeta` JG Rentals. Issa l-appellanti targumenta illi dan id-dispost tal-ligi ma isibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina. ……..

---

[208] Appell Nru: 498/2015 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Deciza 16.11.2016

Maghdud dan allura xejn ma kien josta lill-Ewwel Qorti illi tapplika d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni sabiex issib htija fl-appellanti billi ma jidhirx illi giet imsejjha biex tapplika xi responsabbilita penali fil-konfront tal-korp maghqud. Il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-appellanti illi l-artikolu 13 tal-Kap.249 ma isibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina u dan ghaliex l-istess disposizzjoni tal-ligi hija cara fid-dicitura taghha u tapplika ghal kull reat minghajr ebda distinzjoni, u mhux kif donnha qed tikkontendi l-appellanti.

Riferenza issir ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et** fejn l-istess Qorti rriteniet:[209]

Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-ghemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta` kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w <u>li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bhala ufficjali/diretturi tal-korp</u>. Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati ghal din ir-raguni

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** [26.5.1995]:-

---

[209] Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, 19.11.2015, Appell Krim Nru.463/2012

"*Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu.*"

**Izda**:

"*….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment,* ***fl-imputazzjoni jew fl-akkuza*** *— mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza—****ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu****. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[210]"

Indubbjament ghalhekk hu applikabbli l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-konsegwenzi kollha li dan l-artikolu jimporta kompriz, f'certi kazi l-inversjoni tal-oneru tal-prova, u cioe` li, una volta jigi stabbilit li l-incident ikun gara tort tal-korp jew ghaqda ta' persuni, ikun jinkombi fuq l-imputat partikolari li jipprova li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu w li hu kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat. Dan apparti kull negligenza, nuqqas ta' hila fl-arti jew is-sengha tieghu, jew naqqas ta' tharis tar-regolamenti minn naha tieghu personalment, li jistghu talvolta jirrizultaw f' dan il-kaz.

Illi l-imputati **Mifsud u Farrugia ma ressqu lanqas l-icken prova li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħhom jew li ezercitaw id-diliġenza kollha xierqa biex jevitaw l-egħmil tar-reat.** Anzi Mifsud jammetti li ma kellu l-hadd jissorvelja

[210] Appell Inferjuri: **Il-Pulizija vs Patrick Vella;** Deciza 31/08/2006

x-xoghol li kien qed isir! Irrizulta li kemm Mifsud kif ukoll Farrugia, kienu jiffrekwentaw is-sit ta' kostruzzjoni. It-tnejn li huma jippruvaw jimplikaw li kien Antoine Attard li ta l-ordni biex jinbena l-hajt. Issa bil-fatt li segwew l-ordni minn tieghu dan ma jezonerahomx mir-responsabbilita` li kellhom jassiguraw li dak il-hajt jinbena ikun strutturalment sod. *Multo magis* meta huma kienu jiffrekwentaw il-progett regolarment. L-abbli avukat difensur ghal Farrugia jaghti l-impressjoni li dan kien qed jagixxi bhal lavrant u kellu rwol marginali fil-binja.[211] Il-provi juru xort'ohra!! Farrugia jghid li kien mar fuq il-progett madwar 30 darba, ghax kien gieli jsuq il-*crane* u ingenji ohra filwaqt li jammetti li meta kien ikun hemm kien imur ***"nara x'qed jsir hux mill-haddiema".***[212] Mill-banda l-ohra Mifsud jammetti li meta kien ikun fuq is-sit kien jaghmel madwar saghtejn jew tlett sighat sabiex isegwi x-xoghlijiet.

Ghalhekk mill-provi prodotti jidher li wara li l-kumpanija Buz-Dov Developments Ltd. nghatat l-inkarigu li tikkostruwixxi il-binja, inkluz il-hajt li ggarraf, ghalkemm kemm Mifsud kif ukoll Farrugia, diretturi ta' dik il-kumpanija, kienu jiffrekwentaw is-sit ta' kostruzzjoni ma ghamlu xejn sabiex jaccertaw rwiehom li wara l-ordni moghti minn Attard, il-hajt li nbena minnhom kien sigur, stabbli u sod.

### H. Konkluzzjoni

Ghaldaqstant l-ewwel imputazzjoni tirrizulta li giet ampjament pruvata **limitatament fil-konfront tal-imputati James Mifsud u Gordon Farrugia** li ghar-ragunijiet suesposti ghandhom igorru mhux biss responsabbilita` personali izda anke responsabbilita` vikarja.

211 Vide trattazzjoni Dr. Ellis a fol.737-738
212 Fol.182

Illi dwar it-tieni imputazzjoni addebitata biss lill-imputati Antoine Attard u Marlene Attard kif jixhdu l-artikoli indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, l-imputazzjonijiet huma dawk ravvizati bl-***Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta,*** Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-Avviz Legali u bir-***Regolamenti tal-2002 dwar Postijiet ghal Btala***.

Illi l-agir tal-imputati Antoine Attard u Marlene Attard jinkwadra perfettament fir-reat ravvizat bl-artikolu 18(3) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi:

(3) Ebda persuna ma tista' tikri lil turist jew tħalli lil turist jokkupa taħt xi titolu, xi dar, u lanqas ma tista' tittrasferixxi lil xi turist xi jedd għal kiri, jew xi titolu ieħor għal okkupazzjoni, ta' xi dar, u ebda turist ma jista' jikri jew taħt xi titolu jokkupa dar, lanqas ma jista' jakkwista xi jedd għal kiri jew xi titolu ieħor għal okkupazzjoni ta' xi dar, kemm-il darba ma jkunx hemm dwar dik id-dar liċenza valida maħruġa mill-Awtorità li tawtorizza dak il-kiri, trasferiment jew okkupazzjoni.

Madanakollu l-imputati Attard gew akkuzati li *"operaw jew ippermetew li tiġi operata operazzjoni turistika"*, <u>dicitura li ma ssib ebda riskontru</u> fl-artikoli indikati mill-Avukat Generali.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmela Micallef** deċiża mill-Imħallef William Harding nhar is-16 t'April 1955:

Fil-kaz prezenti, l-ufficjal prosekutur uza lokuzzjoni ibrida, u li ma ssibx ebda korrispondenza fit-test tal-ligi, la f'inciz wiehed u anqas fl-iehor; u meta hu hekk, il-konsegwenza hi "nullum crimen sine lege" ….

….. jehtieg li tigi abbundanata darba ghal dejjem din id-drawwa li tigi uzata mill-ufficjal prosekutur lokuzzjoni spurja, li ma ssibx riskontru taghha fil-ligi, u li biha l-Prosekuzzjoni qiesha trid li l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' fatt li, kif formulat, ma jaqghax that ebda dispozizzjoni tal-ligi…….

Imma jehtieg li fl-imputazzjoni r-reat jigi formulat skond il-ligi altrimenti reat ma hemmx; ghax il-kliem inventati mill-ufficjal prosekutur, u mhux in konformita mal-ligi, ma joholqux reat.[213]

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ukoll kellha okkazzjoni tittratta dan il-punt u ddecidiet:

Għaldaqstant ir-reat ipotizzat bl-ebda mod, għajr ħlief permezz t'immaġinazzjoni fertilissima, ma jista' jintegra dan ir-reat.

Biss minkejja li ġie ipotizzat dan ir-reat taħt dak l-Artikolu, jirriżulta li l-lokuzzjoni użata mill-Prosekuzzjoni ma tirrispekkjax dan l-Artikolu u huwa ferm diffiċli għal din il-Qorti tifhem kif il-Prosekuzzjoni tista' tirrikonċilja l-imputazzjoni mal-Artikolu minnha ċitat.[214]

Sentenza ohra f'dan is-sens moghtija mill-istess Qorti kienet dik **Il-Pulizija vs Christopher Abela:**

Iżda minn qari tal-imputazzjoni jirriżulta li l-kliem użat f'din l-imputazzjoni jirrifletti aktar ir-reat ta' fastidju aktar milli r-reat ta' daqq ta' strumenti tal-mużika jew għajjat fit-triq jew fi ħwienet. Għalkemm huwa minnu li hemm ġurisprudenza paċifika li ċ-ċitazzjoni hija ritenuta bħala "*avviso a comparire*", mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tinjora li l-azzjoni hija ta' natura penali u għalhekk irid ikun hemm ċerta preċiżjoni fil-mod ta' kif imputazzjoni tiġi redatta u dan sabiex l-imputat ikun jista' jiddefendi ruħu għaliha. ….. Bħal ma ġara f'dak il-każ, f'dan il-każ, il-lokuzzjoni tal-imputazzjoni tgħaqqad fiha biċċa minn reat u biċċa minn reat ieħor. Il-Qorti Kriminali kienet tenniet li din il-lokuzzjoni ibrida ma ssibx korrispondenza fit-test tal-Liġi, la f'inċiż wieħed u l-anqas f'ieħor u meta hu hekk il-konsegwenza hija li "*nullum crimen sine lege*". Għalhekk ikkonkludiet li r-reat irid ikun formulat skont il-Liġi għax altrimenti reat ma hemmx. [215]

---

213 Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Spuerjuri, Vol. XXXIXE(1955), p.1015
214 **Il-Pulizija vs Eusebio Buhagiar**, per Onor. Magistrat Dr. Aaron M. Bugeja Deciza 03.06.2016.
215 Deciza 04.10.2016

Kwindi fuq dan l-insenjament qatt ma tista tinstab htija tal-imputati Attard fuq din l-imputazzjoni hekk kif fformulata.

Illi ma ngabet l-ebda prova li l-imputat James Mifsud hu recidiv u ghalhekk dan l-addebitu ma giex soddisfacentement ippruvat.

**Piena**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ddeliberat fit-tul.

Illi dan ir-reat igorr piena massima ta' erba snin prigunerija jew *multa* li ma teccedix l-€11,646.87.

Illi meta jitqies li l-piena pekunjarja massima f'kazijiet ta' reat t' użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika, il-piena massima hi wahda ta' €23,000, maghdud mal-fatt li l-piena massima erogabbli ghal reat t'omicidju involontarju hi l-istess ghar-reat ta' meta jitnissel biza f'ohrajn li se tintuża vjolenza kontrihom (l-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali), il-Qorti thossha fi dmir tappella lill-istituzzjonijiet ta' pajjizna ghall-revizjoni fil-piena massima pekunjarja sabiex jigi rifless il-gravita` ta' reat fejn sforz traskuragini u negligenza tintilef hajja umana. Id-disposizzjoni tal-artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali ghadu jgorr piena stabbilita bl-***Att III tal-2002*** meta din giet mizjuda minn Lm2,000 ghal Lm5,000 fl-istess zmien meta zdiedet il-piena karcerarja minn dik ta' massimu ta' sentejn ghal erba snin.

Illi kkunsidrat li **l-piena qatt ma ser isservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru**. Il-piena ghandha tirrifletti fuq l-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir tal-imputat/i,

stante li jista jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero` ma tilhaqx dak l-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta personali.

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[216]

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu……

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[217]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;….[218]

F'sentenza ohra ntqal hekk:[219]

11. Issa, bhalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-gurisdizzjoni superjuri taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

---

216 **Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Dec. 28.11.2006.
217 **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.
218 Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Dec. 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008
219 **Il-Pulizija vs Anton Vassallo;** Per Onor Imhallef David Scicluna; Deciza 9 ta' Jannar, 2013; Appell Kriminali Numru. 324/2011

"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie
mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm
ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."

12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed
jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.

Gie deciz ukoll:[220]

Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

> Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta'kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

---

[220] **Il-Pulizija vs Massimo Abela**; Per Onor. Imhallef Edwina Grima, Deciza 28.02.2018; Appell Numru 391 /2017

Illi imbghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tak-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:[221]

**8.** Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Wood** din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement,[222] kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali[223]. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A,[224] li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza[225] u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing**[226] *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."* Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' **Anthony Wood**) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-

---

221 Per S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano, Deciza 13 ta' Novembru, 2009; Appell Kriminali Numru. 328/2009

222 Id-disposizzjonijiet taghna dwar is-sentenza ta' prigunerija sospiza huma mudellati fuq il-ligi Ingliza, ligi, li ghandu jinghad, illum tbiddlet hafna mill-mudell li fuqu bbaza ruhu l-legislatur Malti.

223 **Il-Pulizija v. Joseph Said** App. Krim. 26/11/1992.

224 28A(2): *"Qorti ma ghandhiex titratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza…"* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

225 Ara wkoll **R. v. O'Keefe** (1969) 2 QB 29; [1969] 1 All ER 426.

226 Cambridge Studies in Criminology, Heinemann (London) 1979, pp. 244-245.

piena “normali” preskritta mill-ligi ta’ prigunerija b’effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta’ prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b’effett immedjat).

**9.** Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina apprioristikament x’inhi jew x’tista’ tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b’mod li l-istat ma jinkorrix f’aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta’ sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x’indikazzjonijiet hemm li hija tista’ terga’ tikkommetti reat iehor (simili jew ta’ xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta’ jekk sentenza ta’ prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta’ reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta’ dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta’ dawk li, ma’ kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f’xi *blog* fuq l-*internet* biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant** [227]:

> **“Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion.”**

Illi f’dan il-kaz inhassdet hajja fil-fjur taghha, intortament billi **nholoq periklu gratwit meta gie mibni hajt mill-kuntratturi Mifsud u Farrugia minghajr irbit jew xi tip ta’ ingaljar, minghajr ma ttiedhu mizuri mill-kuntratturi sabiex jigi accertat li kien strutturalment sod.** Anke jekk ma kienux l-imputati Mifsud u Farrugia personalment li bnewh il-hajt dan inbena minn bennejja taghhom; inbena mill-bennejja li gew ingaggati minnhom izda li ma kienux issorvelljati minnhom. Ta’ dan ghandhom igorru responsabilita` penali.

Iktar ma jghaddi zmien qed tikber l-ghajta ghall-regolamentazzjoni serja u komprensiva fis-settur tal-bini. Hu inaccettabbli li f’pajjizna ma jinsab l-ebda

[227] (1974) 60 Cr. App. R. 74.

registru ta' bennejja fejn jigi assigurat li jkunu licenzjati fis-sengha partikolari. *Multo magis* ma jezisti xejn *online* u dan minkejja li Malta dejjem kienet *a front runner* fis-settur tal-informazzjoni teknoloġika.

Hu insjegabbli u jisfida l-logika u l-buon sens li filwaqt li dawk li f'idejhom nafdaw sahhitna, flusna u d-drittijiet civici u legali taghna *inter alia* tobba, infermieri, qwiebel, nutara, awdituri, accountants, avukati u periti, minbarra li lkoll iridu jghaddu minn gharbiel ta' snin ta' studju, ezamijiet, *warrants* u certifikazzjoni wahda wara l-ohra, minbarra li jigu regolati u ta' spiss dixxiplinati minn kunsilli rispettivi taghhom, bennejja u kuntratturi jibqaw jizvolgu xogholhom minghajr regolamentazzjoni jew skrutinju sabiex jigi acceratat li ghandhom il-kompetenza rikjesta jaghmlu dan!

Sfortunatament xena kwotidjana hi dik ta' **individwi barranin jahdmu bhala bennejja fuq siti ta' kostruzzjoni!** Hu naccettabbli li tithalla tirrenja sitwazzjoni fejn mill-lejl ghan-nhar persuna li f'hajjitha qatt ma tkun messet mal-industrija tal-bini, tispicca tahdem fuq sit ta' kostruzzjoni b'sogru ghaliha u ghal terzi. Min qed jassigura li l-bennejja impjegati huma licenzjati ghal dak ix-xoghol? Min qed jassigura li kuntratturi jhaddmu biss nies licenzjati? Min qed jassigura li kuntratturi huma tassew mghallmin fil-mestjier b'mod li verament jistghu jidderigu l-bennejja taghhom, jiggestixxu n-negozju taghhom in osservanza tal-ligijiet vigenti ta' Pajjizna?

Qabel ma jsehhu tragedji ghandha tinholoq awtorita` li tirregola dan is-settur b'serjeta`, b'diligenza u professjonalita` mistennija minn pajjiz ewropew fejn f'oqsma innovattivi ghamel passi ta' ggant u sar prekursur ghall-pajjizi ohra. Mela kemm aktar imissna nkunu prekursuri fl-industrija tal-bini li minn dejjem kienet xprun ewlieni ghall-ekonomija u l-avvanz ta' pajjizna?

Dan in-nuqqas ta' regolamentazzjoni jew organizzazzjoni strutturata fis-settur tal-kostruzzjoni timmina u taghmel hsara irreparabbli lil dawk il-kuntratturi u bennejja li jahdmu bi professjonalita` liema bhala; professjonisti li jistinkaw u jaghmlu l-ghallmu taghhom biex izommu lilhom nfushom aggornati bl-avvanzi li jsiru fis-settur tal-bini, filwaqt li jassiguraw li jaderixxu mal-obbligi imposti fuqhom senjatament biex tigi ssalvagwardjata l-inkoluminita` ta' terzi.

Illi sfortunatament anke hawn jigi riskontrat nuqqas kbir. F'dan il-qasam ma tezisti l-ebda kodifikazzjoni tal-ligijiet u regolamenti. Minflok qafas legislattiv holistiku insibu biss frammentazzjoni ta' ligijiet. Intqal:

> The principle of legal certainty, inherent to any western legal system, appears in many different shapes. At the crossroads of European legal traditions, the case-law of the Court of Justice of the European Union is testament of that fact. According to the Court, **the principle of legal certainty requires that rules of law be known, clear, precise, stable, certain and predictable as regards their effects.**
> …..
> According to the ECJ the principle of legal certainty requires, in a nutshell, **« that rules of law be clear, precise and predictable as regards their effects »[228]. The application of the rules of law must therefore « be foreseeable by those subject to them »[229]** …… « rules enable those concerned to know precisely the extent of the obligations which are imposed on them. Individuals must be able to ascertain unequivocally what their rights and obligations are and take steps accordingly »[230]. One should notice the absolute terms used by the ECJ, that evoke the cartesian logic of legal certainty.[231]

Illi fir-rigward tal-piena erogabbli gie kkunsidrat ukoll li il-fatt li l-imputati Mifsud u Farrugia mhumiex xi *first time offenders* u fuqhom kien jinkombi obbligu akbar tenut kont li galadarba ma rcevewx struzzjonijiet dwar kif kellu jinbena l-hajt minghand perit kellhom jassiguraw li dan inbena b'mod li kien strutturalment sod. L-ghemil imprudenti taghhom meta bnew il-hajt minghajr ma kkonsultaw ma perit, kien jinnecessita` li jkunu huma stess li jassiguraw

[228]Case C-72/10-C-77/10, Marcello Costa, 16 February 2012, § 74.
[229] Case C-201/08, Plantanol, 10 September 2009, §46.
[230] Case C-345/06, Heinrich, 10 March 2009, §44.
[231] The principle of legal certainty in the case-law of the European Court of justice : from certainty to trust

rwiehom li l-hajt kien sod, stabbli bhal kull struttura permanenti ohra. Minflok ippermettew li haddiema taghhom jibnu dak li serva ta' forka ghall-zaghzugh li bilkemm kien lahaq qatta' saghtejn gewwa Malta.

Illi maghdud dan kollu, kif sewwa gie rilevat fil-kors tas-sottomissjonijiet finali fejn saret riferenza ghar-rizultanza li dan il-hajt kien ilu mibni ghal madwar 3 snin qabel ma sehh is-sinistru, gie ppruvat li kien hemm ness bejn l-azzjoni tal-vittma u t-tigrif tal-hajt; azzjoni ta' spavalderija da parti tieghu li ghandha tittiehed konsiderazzjoni taghha limitatament ghall-finijiet ta' dik il-piena li ghandha tigi erogata. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell **Il-Pulizija vs Baskal Saliba** gie deciz:[232]

L-appellant jinvoka wkoll in-negliġenza kontributorja tal-vittma. Hija ormai paċifika l-ġurisprudenza dwar l-effett tan-negliġenza kontributorja tal-vittma fuq ir-responsabilita' kriminali tal-imputat. In-negliġenza da parti tal-vittma ma twassalx għal xi forma ta' kompensazzjoni tal-ħtjiet b'mod li l-ħtija tal-vittma tannulla l-ħtija tal-imputat. Dan jista' jiġri fi proċeduri privati ċivili iżda ma hux ammissibbli fi proċeduri penali għalkemm in-negliġenza kontributorja tal-vittma tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-ġudikant meta jiġi biex jikkalibra l-piena f'każ ta' sejbien ta' ħtija fl-imputat.[233] In-negliġenza ta' ħaddieħor ma teskludix in-negliġenza proprja sakemm ma tkunx deċiżiva tal-inċident[234] u ċioe', in relazzjoni għall-komportament tas-suġġett passiv tar-reat il-ħtija tas-suġġett attiv tista' tiġi eskluża biss fil-każ li l-ħtija tas-suġġett passiv tkun l-unika kawża esklusiva tal-akkadut altrimenti jekk il-ħtija tal-vittma tkun biss konkorrenti u kontributorja, ir-responsabilita' kriminali tas-suġġett attiv tar-reat tibqa' l-istess, salva, f'sede kriminali, il-miżura tal-piena[235]. Fil-każ odjern irriżulta li n-negliġenza li seta' kien hemm da parti tal-vittma ma kienetx il-kawża esklusiva tal-akkadut u għalhekk l-imputat jibqa' responsabbli kriminalment għal dak l-akkadut. Bdanakollu li kien hemm negliġenza da parti tal-vittma irriżultat ukoll u għalhekk din il-Qorti ser tieħu dan in kunsiderazzjoni meta tiġi biex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant dwar il-piena.

Imbghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo u Omissis** intqal kif gej:[236]

Fis-sistema penali taghna, il-*contributory negligence* tat-terz ma tezonerax lill-akkuzat mir-responsabbilta' kriminali sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru **"Il-Pulizija vs.**

---

[232] Deciza 28.07.2017; Per S.T.O. Il-Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri
[233] Q App Kr. Inf. **P v Joseph Muscat**, 10/6/1994
[234] Q App Kr Inf. **P v Rev Carmelo Mifsud**, 5/9/1953
[235] Q App Kr Inf. **P v Joseph Farrugia**, 1/6/1963, XLVII.iv.1236
[236] App. Krim. Nru. 123/2006; Deciz 11 ta' Jannar, 2007; Per Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono

**P.Vassallo."** (App. Krim. Vol. XXXVIII,iv.p.883) Kif jghid**O.C. MAZENGARB** fil-monografija tieghu "Negligence on the Highway" (Butterworth's Edit.1962 p.327), citat b' approvazzjoni fl-Appell "Camilleri vs.Cutajar" [9.12.1968] *"If the defendant's conduct is itself negligent, he will not be heard to say that his negligence would not have resulted in damage unless somebody else had also been negligent. So long as the damage complained of is the natural and direct outcome of the original negligence, the wrongful interference of another will not relieve the defendant from responsibility."*

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, fejn minbarra l-*contributory negligence* tal-vittma ma jistax jitqies li l-imputati Mifsud u Farrugia huma ta' minaccja ghas-socjeta`, il-Qorti tqis li l-imputati ma jimmeritawx li jinghataw piena effettiva t'inkarcerazzjoni.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputati Antoine Attard u Marlene Attard minn kwalunkwe htija u piena, u tillibera lill-imputat James Mifsud mill-addebitu tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali, wara li rat l-artikolu 225(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-konfront tal-imputat James Mifsud wahdu rat ukoll l-artikolu 49 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati James Mifsud u Gordon Farrugia hatja tal-ewwel imputazzjoni, u tikkundannahom ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hatja James Mifsud u Gordon Farrugia, il-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputati James Mifsud u Gordon Farrugia jhallsu bejniethom lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' **€2,424.56** rapprezentanti spejjez peritali.

Tordna wkoll illi jekk l-ispejjez ma jithallsux immedjatament, dawn jigu kkonvertiti f'terminu ta' prigunerija ai termini tal-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**